**TIFSIR U GĦANIJIET TA' L-UNJONI**

**ARTIKOLU I-1**
**Stabbiliment ta' l-Unjoni**

**"1. Ispirata mir-rieda taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa li jibnu l-futur tagħhom komuni, din il-Kostituzzjoni tistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, li lilha l-Istati Membri jikkonferixxu kompetenzi sabiex jintlaħqu l-għanijiet komuni. L-Unjoni għandha tikkordina l-politika li biha l-Istati Membri għandhom il-ħsieb li jilħqu dawn l-għanijiet, u għandha teżerċita fuq bażi Komunitarja l-kompetenzi li jikkonferixxu lilha.**

**2. L-Unjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri tagħha u li jimpenjaw ruħhom li jippromwovuhom flimkien."**

**<u>Iċ-Ċittadini mhux Ikkonsultati</u>**

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li dak li qiegħed jingħad fl-ewwel paragrafu, jiġifieri li l-Konvenzjoni kienet ispirata miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri hija gidba, għaliex iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri qatt ma ġew mistoqsija minn qabel jekk iridux li l-Unjoni Ewropea jkollha Kostituzzjoni tagħha u dwar jekk, fuq kollox, iridux li jkun hemm Unjoni Ewropea.

**L-affarijiet l-ewwel tistaqsi jekk iriduhomx u mhux l-ewwel tagħmilhom imbagħad tistaqsi.**

**<u>Twaqqif u Konferiment</u>**

It-tieni ħaġa hija li jingħad li din il-Kostituzzjoni qiegħda tistabbilixxi l-Unjoni Ewropea. Mhux biss, imma jingħad ukoll li lilha l-Istati Membri "jikkonferixxu" l-kompetenzi sabiex jintlaħqu l-miri jew aħjar għanijiet komuni.

Dan ma jfisser xejn ħlief dak li għedna aktar qabel li organizzazzjoni mwaqqfa minn Stati Membri tingħata mhux biss personalita' ġuridika, imma anki dawk il-kompetenzi li jkunu meħtieġa biex tilħaq l-għanijiet li għalihom tkun twaqqfet. F'dan il-każ, bħal f'każi oħra, l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-kompetenzi biex jintlaħqu l-għanijiet komuni.

Fi kliem ieħor, jekk tgħaddi l-Kostituzzjoni, se tkun l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi x'inhuma l-għanijiet komuni u dwar dak kollu li għandu jsir biex jintlaħqu l-għanijiet komuni u mhux aktar l-Istati Membri, kemm jekk ikun jaqbel għalihom u għaċ-ċittadini tagħhom u kemm jekk le.

Ftakru biss li l-kompetenzi li l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda tingħata jkunu kollha qegħdin jitnaqqsu mingħand l-Istati Membri, u li dak li jitnaqqas ma jerġax jittieħed lura imma jkun intilef darba għal dejjem sakemm l-Istat Membru ma jitlaqx.

**Kordinament u Kompetenzi**

Innutaw kif qiegħed jingħad li hija l-Unjoni Ewropea li sejra tkun qed tikkordina, jiġifieri tmexxi jew tordna kif għandha titmexxa, l-politika li biha jridu jimxu l-Istati Membri biex jintlaħqu l-għanijiet komuni.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll kif qiegħed jingħad li l-Unjoni Ewropea għandha teżerċita l-kompetenzi mogħtija lilha b'mod komunitarju. Fi kliem ieħor, fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea stess bħala komunita' u mhux fl-interess ta' l-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom.

Qegħdin taraw kif dejjem qiegħda tingħata aktar importanza lill-Unjoni Ewropea u dejjem qiegħda titnaqqas l-importanza ta' l-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom?

It-tieni paragrafu sempliciment qiegħed jgħid li l-Unjoni Ewropea għandha tkun miftuħa għall-Istati Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri tagħha u li "**jippromwovuhom**", imma tinsewx li minkejja li t-Turkija għandha parti żgħira biss li hija fl-Ewropa, xorta waħda applikat biex tissieħeb.

**ARTIKOLU I-2**
**Valuri ta' l-Unjoni**

**"L-Unjoni hija mibnija fuq il-valuri ta' rispett għad-dinjita' tal-bniedem, ta' liberta', ta' demokrazija, ta' ugwaljanza, ta' l-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni ghall-Istati Membri f'soċjetà karatterizzata mill-pluralizmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjeta' u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."**

**Rispetti**

Dwar dan l-artikolu u l-valuri msemmija li suppost tħaddan l-Unjoni Ewropea tajjeb li nistaqsu kif l-Unjoni Ewropea għandha rispett għad-drittijiet tal-bniedem meta wieħed mill-aktar drittijiet li huwa essenzjali biex bniedem ikollu d-dinjita' ta' bniedem, jiġifieri d-dritt tax-xogħol, qiegħed jiġi mminat u mfarrak bil-politika tas-suq ħieles mingħajr ebda rażan li l-Unjoni Ewropea tmexxi 'l quddiem u li huwa wieħed mill-pilastri ta' l-Unjoni Ewropea?

**Ħaddiema jfarrku lil-Xulxin**

Ir-rispett tal-liberta' l-Unjoni Ewropea tridu biss biex iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkollhom jedd imorru f'liema Stat Membru jridu mingħajr ebda xkiel u b'hekk ifarrku l-jeddijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li l-ħaddiema fl-Istati Membri jkun irnexxilhom jiksbu mingħand min iħaddimhom bi ġlied u sagrifiċċji kbar.

Dan jiġri għaliex ċittadini ta' Stati Membri li jmorru fi Stati Membri oħra jaċċettaw li jaħdmu b'pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol anqas milli jaċċettaw u jkunu jistgħu jaċċettaw il-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru.

Hawn Malta kulħadd għandu għajnejgħ f'wiċċu, ħlief l-awtoritajiet, u jista' jara kif ħaddiema barranin ilhom żmien jieħdu xogħol u ħobż il-ħaddiema u l-familji Maltin għaliex jaċċettaw kundizzjonijiet li l-ebda ħaddiem Malti ma jista' jaċċetta.

Dwar il-valur ta' l-ugwaljanza, jiġifieri li kulħadd ikun l-istess, m'hemmx dubju li l-Unjoni Ewropea qiegħed jirnexxilha tagħmel dan, għaliex l-eżempju tal-ħaddiema li qegħdin jitfarrku l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom qiegħed jiġri madwar l-Unjoni Ewropea kollha, u kollha qegħdin jinġiebu l-istess bl-anqas kundizzjonijiet u pagi possibbli.

Jekk ma temmnux staqsu lill-miljuni ta' ħaddiema barranin li tilfu xogħolhom u ħobżhom, barra mill-eżempju li semmejna fejn ħaddiema barranin qed jieħdu xogħol u ħobż il-ħaddiema u l-familji Maltin.

Staqsuhom dwar kif il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom qegħdin jispiċċaw fix-xejn tort ta' l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-moviment ħieles tal-ħaddiema tagħha biex il-kapitalisti kbar Ewropej ikunu jistgħu jerdulhom demmhom.

Il-moviment ħieles tal-ħaddiema u l-familji tagħhom jimminaw ukoll il-gvern u l-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri, għaliex minħabba li jkun hemm ħafna barranin li kollha jkollhom jedd li joħorġu bħala kandidati u jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali u tal-Parlament Ewropew, ikunu qegħdin inaqqsu l-influwenza u s-saħħa taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru. B'hekk aktar toħroġ il-karatteristiku ta' Stat Federali fejn iċ-ċittadinanza li tgħodd tkun dik ta' l-Istat Federali u mhux dik ta' l-Istati Membri.

## Valur tad-Demokrazija

Dwar il-valur tad-demokrazija, għalkemm kien hemm Stati li wara li ħarġu minn dittatorjat, bħal ma kienu Spanja, il-Portugall u l-Greċja, li l-popli tagħhom għażlu li jsiru membri biex forsi jitnaqqas iċ-ċans li jerġa' jkun hemm xi kolp ta' Stat u dittatura, dan sar biss għaliex kif ngħidu, minn tnejn ħżiena tagħżel l-aħjar.

Barra minn hekk, tajjeb li nistaqsu. Hija demokrazija li l-Unjoni Ewropea tagħmel il-liġijiet u regolamenti tagħha, u dawn isiru minn nies li ma jiġux imtella mill-poplu bħal ma jsir f'demokrazija, u l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom ikollhom jobdu bilfors għaliex inkelli jeħlu l-pieni li jidrilha l-Unjoni Ewropea?

U jekk f'dittatura huwa d-dittatur li jagħmel il-liġjiet u mhux nies imtella miċ-ċittadini, m'hijiex l-istess l-Unjoni Ewropea fejn il-liġijiet dejjem saru u jsiru minn nies li b'mod jew ieħor qegħdin fil-poter mingħajr ma ġew jew jiġu imtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?

Dan ma jfissirx li l-liġijiet li saru s'issa mill-Unjoni Ewropea huma liġijiet ta' dittatorjat u li f'demokrazija kienu jitneħħew u jerġgħu jsiru oħrajn flokhom għax dak li jkun sar minn dittatorjat ikun jirrifletti liġijiet dittatorjali?

## L-Istat tad-Dritt

Wieħed mill-valuri msemmija huwa "**l-istat tad-dritt**", waqt li qabel kien "**is-sovranita' tal-liġi"** li huwa l-istess. Normalment, bis-sovranita' tal-liġi jew l-istat tad-

dritt wieħed ifisser li f'dak l-Istat kollox isir skond il-liġi u ma jsir xejn li jkun arbitrarju, jiġifieri li l-gvern, Ministru jew min ikun fis-setgħa jiddeċiedi kif ifettillu.

Madankollu, m'hemmx dubju li l-Unjoni Ewropea temmen fis-sovranita' tal-liġi jew l-istat tad-dritt, għaliex mhux biss trid u dejjem żammet is-sovranita' tal-liġi tagħha fuq dik ta' l-Istati Membri, imma issa trid tagħmel ukoll din il-Kostituzzjoni li tkun ukoll sovrana fuq il-Kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri tagħha.

Temmen u temmen sewwa fis-sovranita' tal-liġi u l-istat tad-dritt l-Unjoni Ewropea. Fis-sovranita' u d-dritt tal-liġi tagħha.

**<u>Rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Dwar ir-rispett tad-drittjiet tal-bniedem, kull ma sejrin ngħidu huwa li nikkummentaw iktar tard meta naslu għall-mandat ta' arrest Ewropew. Imbagħad naraw kemm tassew tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem l-Unjoni Ewropea.

L-artiklu li jmiss se naqsmuh f'biċċiet u nikkumentaw fuq kull biċċa minħabba li huwa ftit twil. Dan se nagħmlu wkoll għall-Artikli oħra li jkunu wkoll twal biex wieħed jifhem aħjar.

## ARTIKOLU I-3
## Għanijiet ta' l-Unjoni

**"1. L-iskop primarju ta' l-Unjoni hu li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-ġid tal-popli tagħha."**

**<u>Il-Valuri Tagħha</u>**

L-ewwel kumment tagħna fuq dan l-Artikolu huwa dwar dak li jingħad fl-ewwel parti tiegħu, jiġifieri fin-numru 1. Innutaw kif jingħad li l-għan prinċipali ta' l-Unjoni hija li tippromwovi il-paċi, u hawn ħadd ma jista' jgħid xejn kontra li jsir hekk, imma mbagħad tkompli **"il-valuri tagħha u l-ġid tal-popli tagħha".**

Innutaw kif jingħad li trid tmexxi 'l quddiem **il-valuri tagħha** u mhux tal-popli ta' l-Istati Membri tagħha. Valuri ta' Stat Federali Ewropew fejn iċ-ċentru, l-Istat Federali, jaħsel l-imħuh favur tiegħu u favur il-politika tiegħu ta' suq ħieles mingħajr l-ebda rażan, jordna dak kollu li għandu jsir u l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom jobdu kollox jew jitwaħħlu l-multi jew pieni oħra.

**<u>Il-Popli Tagħha</u>**

Il-punt l-ieħor li jrid jiġi nnutat huwa li trid tmexxi 'l quddiem **"il-ġid tal-popli tagħha".** Qegħdin taraw kif issa lanqas il-popli jew iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ma għadhom jitqiesu bħala popli u ċittadini ta' l-Istati Membri imma l-Unjoni Ewropea tqishom bħala li diġa' saru popli u ċittadini tagħha?

Kieku ma kienx hekk ma kienx jingħad "**il-popli tagħha**", imma ċ-ċittadini jew il-popli ta' l-Istati Membri tagħha. U fuq kollox, għaliex m'għandhiex tmexxi 'l quddiem il-ġid tan-nies kollha tad-dinja u mhux taċ-ċittadini tagħha biss?

**Iċ-Ċittadini Tagħha mingħajr Għażla**

Jekk tassew l-Unjoni Ewropea trid tkun demokratika bħal ma tgħid u tippretendi, għaliex ma tħallix lil kull ċittadin ta' l-Istati Membri tagħha jiddeċiedu huma jekk iridux ikunu biss ċittadini ta' l-Istat tagħhom jew wkoll ċittadini tagħha?

U m'huwiex Stat li jista' jagħti ċ-ċittadinanza? Jista' għalhekk jibqa' l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea hija diġa' Stat Federali meta bl-arroganza kollha qiegħda tinforza ċ-ċittadinanza tagħha fuq iċ-ċittadin ta' l-Istati Membri?

Qegħdin niġbdu l-attenzjoni għal dawn l-affarijiet għaliex waqt li l-Unjoni Ewropea trid tbiegħ liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li huma għandhom ikunu kburin li huma iċ-ċittadini tagħha, mhux biss diġa' wrejna kemm dan m'huwiex unur imma diżunur, mhux biss kemm iċ-ċittadinanza ma ġġorx magħha drittijiet biss, imma ċ-ċittadinanza ġġorr magħha wkoll piżijiet li jkollhom jerfuhom iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Dan barra li din hija ċittadinanza sfurzata bilfors fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li m'hijiex qiegħda titħallilhom l-għażla li suppost tant hawn min jiftaħar biha biex jagħżlu jekk iridux isiru ċittadini tagħha jew le.

La Stat isir membru ta' l-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini tiegħu jkollhom jaċċettaw bilfors iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea bil-piżijiet kollha li din iġġib magħha.

**Żoni**

L-artikolu 3 jkompli jgħid li,
**"2. L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' liberta', ta' sigurta' u ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni, u suq intern fejn il-kompetizzjoni hija libera u mhux distorta."**

Din il-parti ma nbidlitx. Innutaw kif it-twaqqif ta' l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali qiegħed jiddaħħal pass wara pass wara pass.

Innutaw kif jingħad li l-Unjoni għandha toffri "**liċ-ċittadini tagħha"** u mhux iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha. Infakkru li diġa' għamilna referenza dwar iċ-ċittadinanza fejn għedna li ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda tiġi mposta fuq iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea

**Mingħajr Fruntieri**

Innutaw kif qiegħed jingħad li l-Unjoni Ewropea għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' liberta', ta' sigurta u ta' ġustizzja **mingħajr fruntieri**. Issa jekk tiftakru tajjeb, wieħed mill-karatteristiċi li Stat irid ikollu biex jitqies bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** huwa li jkollu territorju taħt il-kontroll tiegħu.

Fi kliem ieħor, it-territorju tiegħu jkun magħruf, il-fruntieri tiegħu ma pajjiżi oħra jkunu magħrufa, u b'hekk kullħadd ikun jaf safejn dak l-Istat għandu jedd jinforza l-liġijiet tiegħu u safejn iċ-ċittadini tiegħu bl-jedd kollu jistgħu jsibu l-wens u l-ħarsien tiegħu minħabba li huwa jkollu kontroll sħiħ fuq dak kollu li jiġri fit-territorju tiegħu.

Mela skond dan is-subartiklu tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, la m'hemmx fruntieri interni bejn l-Istati Membri jfisser li l-Istati Membri tilfu waħda mill-karatteristiċi li **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** irid ikollu.

Barra minn hekk, infakkru li l-Istati Membri m'għadx għandhom kontroll sħiħ, ma jistgħux jagħmlu li jridu fit-territorju tagħhom, imma huma suġġetti li dak kollu li jagħmlu jrid ikun jaqbel u ma jkunx kontra xi regolament ta' l-Unjoni Ewropea.

Anki jekk ikunu se jagħmlu xi liġi jew inaqqsu xi taxxi, iridu l-permess ta' l-Unjoni Ewropea jew jitwaqqfu kif ġralu Silvio Berlusconi fl-Italja.

Mela bl-istess argument, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea lanqas għandhom jedd jissejħu Stati, għaliex il-kelma Stat minnha nfisha tfisser li dak huwa pajjiż li għandhu l-karatteristiċi kollha biex jitqies bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, li jagħmel il-liġijiet tiegħu u ma jkunx suġġett għal ħaddieħor, li jkollu kontroll sħiħ fit-territorju tiegħu, u jkollu relazzjonijiet internazzjonali ma' Stati oħra u organizzazzjonijiet kif fissirna fil-bidu.

Qegħdin taraw kif il-mixja pass wara pass wara pass lejn l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew fejn l-Istati Membri tiegħu jkollhom biss l-isem ta' Stat dejjem qiegħda tittieħed bil-ħabi, bil-qerq, bl-ingann, u bi kliem li jekk wieħed ma joqgħodx attent ma jindunax xi jkun ifisser jew lejn fejn ikun irid iwassal?

## Suq Intern

Dwar il-parti fejn jingħad li l-Unjoni għandha tagħti liċ-ċittadini tagħha suq intern, jiġifieri suq wieħed fl-Istati Membri kollha, fejn il-kompetizzjoni hija libera u mhux distorta, tajjeb li nfakkru li mhux il-ħaddiema mpjegati biss li jbatu mil-liberta' li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kollha għandhom li jmorru jaħdmu fi Stati Membri oħra, imma anki dawk li huma mpjegati għal rashom f'kull settur li wieħed jista' jaħseb.

Wieħed ma jistax jinsa kif il-ħaddiema mpjegati, bħal tat-Tarznari, tal-fabbriki, u dawk kollha li diġa' daqu ftit xi tfisser l-Unjoni Ewropea, kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom, flimkien magħhom il-bdiewa u s-sajjieda, diġa' qed iduqu xi tfisser l-Unjoni Ewropea bil-poltika tagħha ta' suq ħieles mingħajr ebda rażan biex tfarrak lill-ħaddiema kollha flimkien mal-jeddijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li rnexxilhom jiksbu b'sagrifiċċji kbar.

It-triq ewlenija biex aħna u l-ħaddiema tagħna ma nibqgħux inbatu mill-ħakma illegali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea hija li nfittxu nitilqu minnha mill-aktar fis possibbli, il-lejla qabel għada, kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## Stabbilita' tal-Prezzijiet

L-Artikolu 3 jkompli jgħid li,

**"3. L-Unjoni għandha taħdem għall-izvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa mibni fuq it-tkabbir ekonomiku bilanċjat u fuq l-istabbilta tal-prezzijiet, fuq ekonomija soċjali tas-suq b'kompetittività għolja, li jimmira li kulħadd jaħdem u għall-progress soċjali, b'livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalita' ta' l-ambjent. Għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku."**

L-ewwel ħaġa innutaw il-kelma "**għandha**" fil-bidu. Dan ifisser li l-Unjoni ma kinitx qiegħda taħdem għall-iżvilupp sostenibbli u dak li jkompli jingħad li għandha taħdem għalih, għaliex kieku ma kienx jingħad "**għandha**", imma kien jingħad li "**għandha tkompli**".

Innutaw wkoll il-kliem "**u fuq l-istabbilita' tal-prezzijiet**", biex taparsi l-Unjoni Ewropea qalbha taħraqha għall-ħaddiema u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri meta hija l-Unjoni Ewropea stess li tikkawża zjidiet kbar fil-prezzijiet kaġun tal-politika ħażina u mingħajr ruħ tagħha tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan.

Fuq kollox, kulħadd jiftakar kemm il-Gvern tal-Ħaddiema hawn Malta kien jiġi kkritikat minħabba l-politika tiegħu biex iżomm il-prezzijiet stabbli. Mela għax jagħmilha Gvern tal-Ħaddiema hawn Malta ma kinitx tajba, imma għax tagħmilha l-Unjoni Ewropea tajba. Jista' jkun hemm ipokrezija akbar minn hekk?

**<u>Żvilupp Sostenibbli ta' l-Ewropa</u>**

Innutaw ukoll li meta' jingħad li l-Unjoni taħdem **għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa,** ikun qiegħed jintwera l-ħsieb li l-Unjoni Ewropea tkompli taħtaf l-Istati kollha ta' l-Ewropa.

Dwar kif l-iżvilupp sostenibbli sejjer ikun mibni fuq l-avvanz ekonomiku bilanċjat u l-kumplament tal-kliem vojt li hemm f'dan il-paragrafu, wieħed ma tantx jista' jemmnu meta jiftakar kif għall-Unjoni Ewropea l-Alla tagħha huwa s-suq ħieles mingħajr ebda rażan u mingħajr ebda xkiel bil-ħaddiema jiġu, kif dejjem ġew, l-aħħar.

Dan huwa ċar daqs il-kristall meta wieħed jara li qiegħed jingħad li dan irid isir "**b'ekonomija soċjali tas-suq ferm kompetittiv u li jimmira li kulħadd jaħdem**".

Is-suq ħieles mingħajr ebda rażan qatt ma kellu l-għan li jħares il-jeddijiet soċjali tal-ħaddiema jew li l-ħaddiema kollha jaħdmu, imma dejjem kellu l-għan li jesplojta lill-ħaddiema biex jagħmel l-akbar qliegħ bl-anqas spejjeż possibbli.

Fi kliem ieħor, is-suq kompetittiv fil-qasam tal-ħaddiema jfisser li jkun hemm numru ta' ħaddiema li ma jkunux jaħdmu, jiġifieri mingħajr xogħol, ħalli dawn ikunu jistgħu jnaqqsu l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jaċċettaw li jaħdmu bihom, ħalli jieħdu post u jidħlu jaħdmu il-ħaddiema li jkunu qed jaħdmu. Dak huwa li jfisser **suq kompetittiv,** anzi **suq ferm kompetittiv**, fil-qasam tax-xogħol u tal-ħaddiema.

Huwa **għalhekk li hija kontradizzjoni, bl-Ingliż "*a contradiction in terms*"** u bil-Latin **"*contradictio in terminis*"**, meta jingħad li dawk l-għanijiet iridu jintlaħqu **"b'ekonomija soċjali tas-suq ferm kompetittiv",** għaliex minħabba li l-kelma soċjali qatt ma eżistiet fl-ekonomija tas-suq ħieles mingħajr ebda rażan, qatt ma jista' jintlaħaq suq kompetittiv b'ekonomija soċjali.

Kif ma jistgħax jintlaħaq l-għan l-ieħor li kulħadd jaħdem, għaliex f'suq ħieles min iħaddem ikun jista' jimpjega u jkeċċi lill-ħaddiema kif irid għaliex isib ħaddiema li minħabba li jkunu mingħajr xogħol ikunu lesti li jaħdmu b'paga u kundizzjonijiet tax-xogħol anqas milli jkollhom il-ħaddiema li normalment ikunu jaħdmu miegħu. Jew jaħdmu bil-kundizzjonijiet li jrid huwa jew jitfagħhom 'il barra.

Subartikolu 3 jkompli jgħid li l-Unjoni,
**"Għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjeta' bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal."**

## Mhux Monopolju ta' l-Unjoni Ewropea

L-ewwel ma jrid jingħad dwar din il-biċċa huwa li l-għanijiet imsemmija għandhom ikunu l-għanijiet ta' kull min għandu għal qalbu lill-bniedem u m'humiex xi ħaġa li hija monopolju ta' l-Unjoni Ewropea.

Malta, ma kellniex ħtieġa li tiġi tgħidilna l-Unjoni Ewropea dwar diskriminazzjoni, għaliex il-ħarsien kontra d-diskriminazzjoni mhux biss jinstab fil-Kostituzzjoni tagħna, imma Malta, kontra kif għamlet l-Unjoni Ewropea li ma riditx tiffirma l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ilha żmien twil li ffirmata u rratifikata.

Tajjeb li jingħad li meta' kienet qamet il-kwistjoni jekk l-Unjoni Ewropea għandhiex tiffirma l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, kienet intalbet l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet qalet li hija ta' l-opinjoni li l-Unjoni Ewropea m'għandhiex il-kompetenza biex tagħmel hekk.

Mela biex tagħmel Regolamenti li l-Istati Membri tagħha u ċ-ċittadini tagħhom jridu jobduhom bilfors kellha kompetenza, imma biex tiffirma l-Konvenzjoni biex jitħarsu d-Drittijiet Fundamentali ma kellhiex.

Mela biex tiffirma ftehim u Trattati ma' pajjiżi oħra kellha kompetenza, imma biex tiffirma l-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ma kellhiex.

Qegħdin taraw kif l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, iħokku dahar xulxin u jgħaddu ż-żmien bin-nies?

## Diskriminazzjoni

Biex inkomplu fuq il-Kostituzzjoni, l-għan ta' l-Unjoni Ewropea wara dan il-paragrafu fejn tissemma d-diskriminazzjoni huwa biex il-gvernijiet ta' l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom billi l-ewwel jaħdmu huma imbagħad jaħdmu ċittadini ta' Stati Membri oħra. Waqt li qabel din il-kwistjoni kienet tinsab f'regolamenti, issa qed tiddaħħal bħala parti mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa wkoll ma kienx hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna biex nagħmluha, għaliex fis-snin sebgħin iddaħħlet il-paga ndaqs għan-nisa u daħlet ukoll ic-children allowance, li llum dejjem qiegħda tonqos.

Is-solidarjeta' bejn il-ġenerazzjonijiet ukoll ma kellhiex għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna biex nagħmluha għaliex fis-snin sebgħin il-pensjonijiet kibru sewwa u mhux biss kienu jservu lill-pensjonanti, imma l-istess pensjonanti kienu sinjuri żgħar u kienu jistgħu mhux biss jgħixu tajjeb, imma anki jagħtu rigali lin-neputijiet tagħhom.

Illum, mhux biss f'Malta, imma anki fl-Unjoni Ewropea hemm theddida sħiħa għall-pensjonijiet u mhux kif hemm f'dan il-paragrafu, għaliex l-Unjoni Ewropea trid tgħollihom għal 65 sena jew iżjed.

Anki dwar id-drittijiet tat-tfal ma kienx hemm ħtieġa li tiġi tgħidilna l-Unjoni Ewropea, għaliex il-Gvern tal-Ħaddiema kien għamel l-iskejjel b'xejn, ta ħalib u kotba b'xejn lit-tfal fl-iskejjel, għamel ic-children allowance, u ta ħafna drittijiet oħra li l-Unjoni Ewropea qatt ma kienet ħolmot bihom.

**<u>Koeżjoni</u>**

Subartikolu 3 jkompli jgħid li,
**"Għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjeta' bejn l-Istati Membri.**

**Għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversita' kulturali u lingwistika tagħha u għandha tiżgura li l-patrimonju kulturali Ewropew jiġi mħares u żiluppat."**

L-aktar li jrid jiġi nnutat hija l-kelma "**tagħha**" fit-tieni sentenza fejn jingħad li l-Unjoni tirrispetta d-diversita' lingwistika u kulturali tagħha u mhux ta' l-Istati Membri. Lanqas ma kellha d-diċenza li tgħid li d-diversita' lingwistika u kulturali hija ta' l-Istati Membri tagħha.

Ħalli niġu għall-kummenti tagħna. Fl-ewwel sentenza wieħed ma jistax jonqos li jara wkoll il-mixja lejn Stat Federali fejn jissemma l-"**koeżjoni**", u bil-Malti ngħidu "**għaqda**", ekonomika, soċjali u territorjali u s-solidarjeta' bejn l-Istati Membri.

La jkun hemm għaqda territorjali, it-territorju ta' kull Stat Membru jispiċċa għaliex ikun magħqud mat-territorji ta' l-Istati Membri l-oħra. B'hekk, kull Stat ikun tilef mhux biss il-kontroll fuq it-territorju tiegħu, imma saħansitra t-territorju tiegħu li jispiċċa kkontrollat mill-Unjoni Ewropea. Dan biex ma nsemmux l-għaqda ekonomika u soċjali bejn l-Istati Membri.

Qegħdin taraw kif il-mixja pass wara pass wara pass lejn l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u t-teħid tat-territorji ta' l-Istati Membri jkun moħbi fi kliem sabiħ li ma l-ewwel daqqa t'għajn wieħed lanqas jinduna xi jkun hemm moħbi warajh?

**<u>Diversita' Kulturali</u>**

Dwar il-ħarsien tad-diversita' tal-kulturi u lingwi wieħed ma jistax ma jistaqsix kif l-Unjoni Ewropea sejra tħarishom jekk hija trid lil kulħadd l-istess?

Jekk wieħed iqis, bħala eżempju, ikel tradizzjonali, dan jidher anki fi prodotti li ilhom isiru mijiet kbar ta' snin skond tradizzjonijiet, iridu jibdew isiru, jew l-Unjoni Ewropea tordna li jsiru bi skuża dwar is-saħħa tal-bniedem, skond regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Anki fl-Italja, il-pajjiż li ħoloq il-pizza, kellhom kwistjonijiet kbar għaliex isaħħnu l-fran tal-pizza bil-ħatab u mhux bil-gass jew bl-elettriku, għaliex l-Unjoni Ewropea riedet li dawn jissaħħnu bil-gass jew bl-elettriku u mhux bil-ħatab.

Anki f'dawn l-affarijiet u rqaqat jindaħlu u jridu jindaħlu dawk kollha li fi Brussell huma paxxuti u mħallsa l-eluf kbar biex jiġġustifikaw il-pagi fenominali tagħhom li huma mħallsa mit-taxxi mposti u miġbura minn fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

## Relazzjonijiet mad-Dinja

Ir-raba' subartikolu ta' l-Artiklu 3 jgħid li,
**"4. Fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni għandha ssostni u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha. Għandha tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurta' u l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, is-solidarjeta' u r-rispett reċiproku bejn il-popli, il-kummerċ liberu u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għall-osservanza stretta u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti."**

Ħalli neżaminaw din il-biċċa ta' dan l-Artikolu. Li fir-relazzjonijiet tiegħu jew tagħha xi Stat jew organizzazzjoni jmexxu 'l quddiem l-għanijiet, il-valuri u l-interessi tagħhom hija ħaġa naturali u li wieħed jistenniha.

Mela hawn diġa' għandna ammisssjoni u prova mill-aktar ċara li l-Unjoni Ewropea tqis lilha nfisha bħala **Stat** u trid, innutaw, tippromwovi, jiġifieri tmexxi 'l quddiem, **l-interessi tagħha**, tagħha bħala "**Unjoni Ewropea"** u mhux ta' l-Istati Membri tagħha.

Tidher jew li l-mixja pass wara pass wara pass il-mixja ta' l-Unjoni Ewropea lejn it-twaqqif tagħha bħala Stat Federali Ewropew, bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

Ikompli jingħad li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi **għall-paċi**, ħaġa li kullħadd irid u jgħid li qiegħed jagħti sehemhu għaliha.

Tagħti sehemha wkoll **għas-sigurta'**. Hawnhekk tajjeb li nistaqsu jekk il-paċi u s-sigurta' tinkisibx billi l-Unjoni Ewropea mhux biss ikollha l-armata tagħha imma jkollha wkoll madwar 700 ajruplan tal-gwerra u madwar 450 bastiment tal-gwerra li aħna noħorġu wkoll sehemna għalihom?

X'għanijiet għandha l-Unjoni Ewropea wara din l-armata u wara dawn is-suldati u l-armamenti u l-fatt li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri tagħha huma membri tan-**NATO** li hija organizzazzjoni militari mmexxija mill-Istati Uniti ta' l-Amerika?

Tajjeb jekk naħsbu ftit fuq dawn l-affarijiet u mhux nibilgħu kollox bħall-imzazen jew inħallu lil min jgħaddina biż-żmien.

Jekk mhux qiegħed isir hekk il-Membri Parlamentari tagħna huma kompliċi fil-ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex qegħdin jaċċettaw li istituzzjoni barranija tikser il-Kostituzzjoni billi tagħmel liġijiet li jorbtu anki f'Malta, u l-kompliċi huwa ħati daqs min jagħmel l-att. Tinsewx li **QUISLING** kien jagħmel dak li jgħidlu Ħitler.

Anki jekk stess isir id-dibattitu dwar dak l-att jew dwar l-atti leġislattri magħmula mill-Kunsill, il-fatt li dak l-att leġislattiv ikun sar minn Kunsill barrani u jkun irid jiddaħħal fil-liġi ta' l-Istati Membri, fil-każ tagħna Malta, dak l-att xorta waħda jkun sar minn istituzzjoni barranija u mhux mill-Parlament Malti u jkun kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta għax il-Parlament ma jkunx għamlu fuq l-inizjattiva tiegħu u jkollux għażla imma jkun irid jagħmel dak l-att leġislattiv bħala parti mil-liġi ta' Malta.

Aħna nerġgħu nistaqsu dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Min se jkunu dawk il-Membri Parlamentari tradituri u **ĠUDIET** Maltin li jiksru l-ġurament ta' lealta' tagħhom lejn il-poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha li japprovaw il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea?

Jekk xi ħadd jikser kelmtu lanqas tibqa tafdaħ, aħseb u ara kemm qatt ma tista' tafda lil min jikser saħansitra l-ġurament li jkun ħa quddiem il-poplu kollu u jkun qiegħed jagħti l-akbar eżempju ħażin liċ-ċittadini Maltin kollha.

Il-mexxejja tal-Knisja se jibqgħu siekta jekk jingħata dan l-eżempju ħażin lill-poplu Malti?

__**Il-Presidenza tal-Kunsill**__

**7. Il-Presidenza tal-formazzjonijiet tal-Kunsill, minbarra dik ta' l-Affarijiet Barranin, għandha tkun eżerċitata minn rapprezentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill skond sistema ta' rotazzjoni ugwali, u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti minn deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.**

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni li meta taqraw l-aħħar sentenza titħawwdu jekk huwiex il-Kunsill tal-Ministri jew il-Kunsill Ewropew li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Dan huwa kollu tort tat-tradutturi li tħallsu eluf ta' liri mit-taxxi tagħna li meta qalbu l-Kostituzzjoni għall-ilsien Malti ħallew barra l-kelma "**Ewropew**" li qiegħda fit-test Ingliż.

Hawnhekk naraw ukoll kif **il-jedd tal-veto**, jiġifieri li jekk Stat Membru ma jaqbilx ma dak li jkun se jsir ma jsir xejn spiċċa fix-xejn. Dan għaliex kif qiegħed jingħad, id-deċiżjonijiet fil-Kunsill Ewropew jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata li aktar 'il quddiem naraw xi tfisser.

Dan ifisser li minkejja li jista' jkun hemm iktar minn stat wieħed li ma jkunx jaqbel mad-deċiżjoni li tkun sejra tittieħed, jekk dik id-deċiżjoni ġġib il-maġġoranza meħtieġa tgħaddi xorta.

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jibqgħu Sovrani meta anki jekk ma jkunux jaqbu ma deċiżjoni u ma jkunx jaqblilhom xorta waħda jkollhom joqgħodu għad-deċiżjoni li tkun ittieħdet?

Kieku tassew kienu jibqgħu sovrani ma kienx ikollhom jaċċettaw bilfors deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-oħrajn, għaliex kif fissirna aktar qabel, min ikun Sovran ma joqgħodx għal dak li jgħid ħaddieħor, imma dak li jgħid huwa biss ikun jgħodd.

Qegħdin taraw kemm qarrqu bikom dawk li qalu li Malta sejra tkun tista' twaqqaf dak kollu li ma taqbilx miegħu fl-Unjoni Ewropea? Dan jista' jsir biss f'xi oqsma partikolari li dejjem qegħdin jitnaqqsu u pass wara pass wara pass sejrin jispiċċaw fix-xejn.

Dan l-Artiklu ġie emendat mis-sena l-oħra, għaliex waqt li qabel kien jgħid li l-Presidenza ta' xi formazzjoni tal-Kunsill għandha tinżamm għal mhux anqas minn sena, issa ma jingħad xejn għal kemm tista' tinżamm, imma din tkun waħda mill-kundizzjonijiet li tiġi stabbilita mill-Kunsill Ewropew b'deċiżjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif kollox qiegħed jingħata lill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex jiddeċiedu huma skond kif ikun jaqbel għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri l-kbar?

Kieku ma kienx hekk ghalfejn iż-żmien tal-Presidenza ma ġietx stabbilita wkoll f'din il-Kostituzzjoni li qiegħda tiġi proposta?

## ARTIKOLU I-25

**Definizjoni ta' maġġoranza kwalifikata fi ħdan il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill**

**1. Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill, li jinkludu mill-inqas ħmistax minnhom u li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas erba' membri tal-Kunsill, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

**<u>Bil-Maġġoranza Kwalifikata</u>**

Din il-parti qiegħda tfisser kif tkun maġġoranza kwalifikata li rajna aktar qabel, u l-ewwel ma nfakkru huwa li l-**jedd tal-Veto spiċċa** għax kollox qiegħed isir b'maġġoranza jew maġġoranza kwalifikata.

Mela issa tindunaw kemm dawk kollha li kienu jgħidulkom li fl-Unjoni Ewropea Malta tkun tista' twaqqaf dak kollu li ma jkunx jgħodd għalina għax ikolla d-dritt tal-Veto kienu qed iqarrqu bikom għax kienu jafu li dan dejjem kien qiegħed jitnaqqas u kien se jispiċċa fix-xejn.

Din il-parti ġiet ikkritikata għaliex kif qiegħda, anki jekk l-Istati Membri ż-żgħar jingħaqdu flimkien u jkollhom maġġoranza ta' l-Istati Membri, qatt m'huma se jkollhom rappreżentanza ta' ħamsa u sittin fil-mija tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni.

Dan ifisser li anki jekk jingħaqdu l-Istati Membri żgħar kollha, huma ma jkunux jistgħu jwaqqfu xi deċiżjoni li jkunu jriduha l-Istati Membri l-kbar, waqt li ma jkunux jistgħu jgħaddu xi deċiżjoni li jkunu jaqblu magħha jekk ma jkollhomx il-qbil ta' l-Istati Membri l-kbar.

F-istess waqt, jekk jingħaqdu numru żgħir ta' Stati Membri kbar flimkien ma' ftit Stati Membri żgħar, huma jkunu jistgħu mhux biss iwaqqfu kull deċizjoni li jkunu jaqblu magħha l-Istati Membri ż-żgħar l-oħra, imma jkunu jistgħu jagħmlu u jgħaddu kull deċiżjoni li jkun jaqbel għalihom.

Qegħdin taraw kif l-influwenza dejjem kienet, għadha u sejra tibqa' għand l-Istati Membri l-kbar u qatt ma hija sejra tingħata lill-Istati Membri ż-żgħar fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Innutaw ukoll kif jingħad li dawk l-Istati Membri għandu jirrappreżentaw 65% tal-popolazzjoni ta' l-**Unjoni**, u mhux tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri.

Dan isir apposta biex l-Unjoni Ewropea tkompli taħsel l-imħuħ speċjalment tat-tfal u żgħażagħ biex jaċċettaw li huma ċittadini u jifformaw parti mill-popolazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea aktar milli ta' pajjiżhom.

Qegħdin taraw kif dejjem tissemma u tingħata preċedenza l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali u mhux l-Istati Membri biex dejjem tnaqqas l-importanza tagħhom anki f'għajnejn iċ-ċittadini tagħhom?

Innutaw ukoll li 65% ma jġibux żewġ terzi, kif affarijiet importanti f'kull kumitat, organizzazzjoni, u Stati normalment ikunu jinħtieġu biex jgħaddu b'mod li jitqiesu li jorbtu lill-kumplament minħabba l-importanza tagħhom.

Jista' jkun hawn min jgħid li fit-tieni paragrafu jingħad li jekk ikun hemm erba' membri tal-Kunsill li jkunu kontra sejrin ikunu jistgħu jimblukkaw id-deċiżjoni.

It-tweġiba għal dan hija li l-ewwel nett huwa ċar daqs il-kristall li l-jedd tal-veto spiċċa, u għalhekk Stat Membru li waħdu ma jkunx jaqbillu bid-deċiżjoni li tkun sejra tittieħed ma jistax iwaqqafha jekk ma jkunx hemm tlieta oħra miegħu.

Barra minn hekk, taħsbu li xi Stat Membru żgħir bħal Malta ma ssirx pressjoni enormi biex idawwar ħsibijietu u jiġi jaqbel mal-kumplament beix id-deċiżjoni tgħaddi minkejja li ma tkunx taqbel għalih u tkun ta' ħsara għaċ-ċittadini tiegħu?

Din tfakkarna fil-kwistjoni tas-sovranita', għaliex kif għedna qabel hija ereżija u kontradizzjoni li s-sovranita' ssaħħaħha jekk inti taqsamha ma ħaddieħor, imma tkun tliftha u ma tibqax aktar sovran għaliex jekk ikun hemm ħaddieħor li ma jaqbilx miegħek ma tkunx tista' tagħmel dak li tiddeċiedi int meta tkun tassew sovran.

**Deroga għall-Maġġoranza Kwalifikata**

**2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn il-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jew tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, il-maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni.**

Hawnhekk għandna mod ieħor ta' kif tiġi meqjusa li kien hemm maġġoranzxa kwalifikata biex il-Kunsill jgħaddi dak li jkun irid fil-każi msemmija. Nerġgħu nfakkru kif huwa ċar daqs il-kristall li l-jedd tal-veto spiċċa u Stat Membru ma jistax iwaqqaf xi ħaġa li tkun ta' ħsara kbira għalih u għaċ-ċittadini tiegħu.

Hawnhekk iddaħħlet il-parti fejn jingħad li fil-każ imsemmi jrid ikun hemm maġġoranza ta' Stati Membri li jirrappreżentaw 65% tal-popolazzjoni, u nnutaw kif jingħad il-popolazzjoni ta' **l-Unjoni Ewropea** u mhux ta' l-Istati Membri, imma qiegħed jiddaħħal ukoll li dawn l-Istati jridu jkunu 72% ta' l-Istati Membri.

Issa jekk nieħdu s-sitwazzjoni preżenti fejn hemm 25 Stat Membru, 72% ta' l-Istati Membri jiġu 18. Innutaw li jekk jingħaqdu l-Istati Membri meqjusa bħala żgħar u dawk mhux kbar, jista' jkun li minkejja li jkunu 72% ta' l-Istati Membri, jista' jkun ukoll li ma jkollhomx 65% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri.

B'hekk, dejjem jibqgħu l-Istati Membri l-kbar li jgħaddu dak li jridu, għaliex l-ewwel nett jistgħu jagħmlu pressjoni fuq l-Istati Membri ż-żgħar biex jivvutaw favur dak li jkunu jridu huma, u b'hekk faċilment ikollhom 65% tal-popolazzjoni. Hekk jinħadmu l-affarijiet fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk nerġgħu ninnutaw ukoll li 65% ma jġibux żewġ terzi, kif affarijiet importanti f'kull kumitat, organizzazzjoni, u Stati normalment ikunu jinħtieġu biex jgħaddu b'mod li jitqiesu li jorbtu lill-kumplament minħabba l-importanza tagħhom.

Din hija wkoll waħda mir-raġunijiet kbar għaliex l-Istati Membri l-kbar qiegħdin attenti ħafna mis-sħubija tat-Turkija, għaliex it-Turkija għandha popolazzjoni kbira u jekk issir membru l-Istati kbar li issa jiddettaw xi jsir jitilfu mill-importanza tagħhom, speċjalment minħabba li l-maġġoranza assoluta tal-popolazzjoni tat-Turkija hija l-musulmana u tkun tista' taffettwa bil-kbir deċiżjonijiet li jkollhom jittieħdu.

**Il-Kunsill Ewropew b'Maġġoranza Kwalifikata**

**3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-Kunsill Ewropew meta jkun qed jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.**

Hawnhekk għandna eżempju ieħor mill-aktar ċar ta' kif spiċċa l-jedd tal-veto, jiġifieri li Stat Membru ma jistax iwaqqaf xi ħaġa li tkun sejra tikkawżalu ħsara kbira għalih u għaċ-ċittadini tiegħu.

Ftakru li l-Kunsill Ewropew huwa magħmul minn Kapijiet ta' Stat jew Gvern ta' l-Istati Membri. Lanqas il-Kap ta' Stat jew Gvern ma jista' jwaqqaf milli tittieħed deċiżjoni kif għedna fil-paragrafu ta' qabel.

Jistgħu jibqgħu jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** jekk lanqas il-Kap ta' Stat jew Gvern tagħhom ma jista' jwaqqaf xi ħaġa li tkun sejra tagħmel l-Unjoni Ewropea u li tkun sejra tikkawża danni kbar għal dak l-Istat u ċ-ċittadini tiegħu?

Dan huwa li jfisser meta tissieħeb fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. L-unika triq biex neħilsu minn dan il-gwaj kollu huwa li nibgħatu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea jsaqqi l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell u nfittxu nitilqu minnfih mill-Unjoni Ewropea.

## Il-President Mingħajr Vot

**4. Fil-Kunsill Ewropew, il-President tiegħu u l-President tal-Kummissjoni m'għandhomx jieħdu sehem fil-vot.**

Hawnhekk għandna eżempju ieħor ta' kif dak l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill Ewropew jitlef anki l-vot tiegħu fi ħdan il-Kunsill. Tinsewx li skond kif rajna aktar qabel fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu I-22,

**"Il-Kunsill Ewropew għandu jeleġġi l-President tiegħu, b'maġġoranza kwalifikata, għal perjodu ta' sentejn u nofs, li jista' jiġi mġedded darba. F'każijiet ta' impediment jew mġieba ħażina gravi, il-Kunsill Ewropew jista' jittermina l-mandat tiegħu jew tagħha skond l-istess proċedura."**

Dan ifisser li l-President tiegħu jkun wieħed mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, u huwa għalhekk li matul il-presidenza tal-Kunsill dak l-Istat Membru sejjer jitlef il-jedd tal-vot tiegħu minħabba li r-rappreżentant tiegħu jkun il-President tal-Kunsill.

Innutaw li mhux biss **spiċċa d-dritt tal-Veto** fejn Stat Membri kien jista' jwaqqaf dak li jkun se jsir jekk ma jkunx jaqbillu, imma issa anki l-vot tiegħu jispiċċa jekk ikun inħatar bħala President tal-Kunsill Ewropew.

Din hija bħal meta jtuk kariga aktar għolja biex jeħilsu minnhek. Fi kliem ieħor, jekk ikunu jridu jgħaddu xi affarijiet u jindunaw li Malta normalment tkun qiegħda taqlalhom il-problemi, jaħtru lir-rappreżentant Malti bħala President biex ma jkunx jista' jivvota u jkunu naqqsu l-problemi.

Qegħdin taraw kif jaħdmu l-affarijiet fl-Unjoni Ewropea u kif tridu toqgħodu attenti biex taqraw bejn il-linji u xi ħsiebijiet ikun hemm wara kull kelma li tinkiteb f'dak kollu li jsir fl-Istat Federali ta' Unjoni Ewropea?

Qed taraw għaliex dejjem ngħidulkom li pass wara pass wara pass l-Unjoni Ewropea dejjem miexja biex issir Stat Federali bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

## ARTIKOLU I-26
## Il-Kummissjoni Ewropea

**1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippromwovi l-interess ġenerali ta' l-Unjoni u tieħu l-inizjattivi xierqa għal dan il-għan. Għandha tiżgura l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, u l-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet taħt il-Kostituzzjoni. Għandha tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni taħt il-kontroll tal-**

**Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. Għandha teżegwixxi l-budget u tamministra l-programmi. Għandha teżerċita funzjonijiet ta' kordinazzjoni, eżekuzzjoni u amministrazzjoni, skond il-kondizzjonijiet previsti fil-Kostituzzjoni. Bl-eċċezzjoni tal-politika estera u ta' sigurt' komuni, u ta' każijiet oħra previsti mill-Kostituzzjoni, għandha tiżgura rrappreżentanza esterna ta' l-Unjoni. Għandha tieħu l-inizjattiva għall-programmazzjoni annwali u pluriennali ta' l-Unjoni biex jintlaħqu ftehim interistituzzjonali.**

__Għassiesa fuq l-Istati Membri__

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li bħal Artikoli oħra, dan l-Artikolu ġie mibdul u emendat f'Lulju li għadda għaliex ma kienx sab il-qbil ta' l-Istati Membri. M'hemm għalfejn noqgħodu nirreferu għal dak li kien jgħid qabel, sakemm ma jkunx meħtieġ.

Dan l-Artikolu qiegħed jgħid x'inhuma l-funzjonijiet u l-jeddijiet tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li kif jidher sewwa huma ħafna.

Innutaw kif il-Kummissjoni trid "**tippromwovi**", jiġifieri tmexxi jer iġġib 'il quddiem u tara li jitħarsu l-interessi ta' l-Unjoni billi "**tissorvelja**", bil-Malti "**tgħasses**" l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni. Innutaw li tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni u mhux ta' l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, toqgħod għassa bħall-argużin fuq l-Istati Membri biex tara li dawn jobdu kull regolament u dak kollu li tordnalhom l-Unjoni Ewropea u jekk ma jobdux twissihom u tieħu passi kontrihom fil-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea jekk dawn ma jobdux.

Mela dan l-artiklu qiegħed juri bl-iktar mod ċar u mingħajr ebda dubju li l-lealta' tal-Kummissjoni, u għalhekk il-lealta' tal-Kummissarji, trid bilfors tkun lejn l-Unjoni Ewropea.

Huwa għalhekk li dawk kollha li kienu jgħidulkom li minħabba li Malta kien sejjer ikollha Kummissarju tagħha, kien se jkun jista' jħares l-interessi ta' Malta u tagħkom, kienu kollha qegħdin jigdbu, jgħaddukom biż-żmien u kienu qegħdin iqarrqu bikom, għaliex kif tistgħu taraw, il-Kummissjoni u kull kummissarju huma marbuta li jħarsu d-dritt ta' l-Unjoni u mhux ta' l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

__Tipproponi l-Liġijiet__

**2. L-atti leġislattivi ta' l-Unjoni ma jistgħux jiġu adottati ħlief fuq bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, minbarra fejn il-Kostituzzjoni tiddisponi mod ieħor. L-atti l-oħra għandhom jiġu adottati fuq bazi ta' proposta mill-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tipprevedi hekk.**

Hawnhekk wieħed jara li l-Kummissjoni hija l-għajn tal-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea, u l-Kostituzzjoni qiegħda tikkonferma dan bl-iktar mod ċar f'dan l-Artikolu. Huwa għalhekk li l-biċċa l-kbira tal-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea jiġi proposti mill-Kummissjoni, u huwa għalhekk li tant joħorġu liġijiet li l-Unjoni Ewropea tissejjah fabbrika tal-karti.

Imma aktar minn fabbrika tal-karti hija fabbrika ta' liġijiet u regolamenti li kollha jorbtu lill-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom li jkollhom jobduhom kollha, kif jingħad, sa l-inqas punt u virgola', jew inkella jeħlu l-multi mposti mill-istess Kummissjoni jew mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

**Tinħatar għal-Ħames Snin**

**3. Il-mandat tal-Kummissjoni għandu jkun ta' ħames snin.**

Sempliċi provvediment li fih jingħad għalkemm żmien għandha tinħatar il-Kummissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**Impenn Ewropew tal-Kummissarji**

**4. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jintgħażlu fuq bażi tal-kompetenza ġenerali tagħhom u ta' l-impenn Ewropew tagħhom, minn fost il-persunalitajiet li dwar l-indipendenza tagħhom ma hemm l-ebda dubju.**

Qegħdin taraw kif biex wieħed jinħatar kummissarju jrid, fost kollox, jintagħżel fuq bażi ta' l-impenn Ewropew tiegħu? Mela jekk ikollu l-impenn Ewropew, jiġifieri li jaħdem favur l-Unjoni Ewropea ma jistax ikollu impenn li jaħdem favur l-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin.

Qegħdin taraw kemm huwa tassew dak li għedna aktar qabel dwar kemm dawk li kienu jgħidulkom u jiftaħru li se jkun hemm Kummissarju Malti li sejjer ikun jista' jħares l-interessi tagħkom u ta' Malta kien qiegħed jigdeb, ried iqarraq bikom u jgħaddikom biż-żmien. Min għamillek hekk qatt tista' tafdaħ?

**Kummissjoni Temporanja**

**5. L-ewwel Kummissjoni maħtura skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni għandha tkun komposta minn ċittadin wieħed minn kull Stat Membru, inklużi l-President tagħha u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni li għandu jkun wieħed mill-Vici-Presidenti tagħha.**

Innutaw biss li din hija l-ewwel Kummissjoni li tiġi maħtura wara li tiddaħħal, jekk tiddaħħal fis-seħħ, il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Issa waqt li l-Artikolu originali kien jieqaf hawn, l-emendi li saru komplew zjiedu subartikli oħra li b'mod jew ieħor sejrin ikomplu fuq dak li kien hemm qabel biex inaqqsu l-jeddijiet ta' l-Istati Membri.

**Tnaqqis fin-Numru tal-Kummissarji**

**6. Mat-tmiem tal-mandat tal-Kummissjoni prevista fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tkun komposta minn għadd ta' membri, inklużi l-President tagħha u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, li jikkorrispondi għal żewġ terzi ta' l-għadd ta' Stati Membri, sakemm il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'mod unanimu, ma jiddeċidix li jbiddel dan l-għadd.**

Qegħdin taraw il-ħniżrijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha li jekk ma jgħaddux mill-bieb jippruvaw jgħaddu mit-tieqa?

Għalkemm in-numru xorta hemm il-ħsieb li jitnaqqas, dan se jagħmluh aktar tard biex iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jilħqu jinsew dak li riedet tagħmel qabel l-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll il-ħniżrija l-oħra li waqt li issa l-Kostituzzjoni trid il-qbil ta' l-Istati Membri kollha, din sejra tkun tista' tiġi emendata u mibdula, għaliex hekk ifisser jekk huma jibdlu dan is-subartiklu mill-Kunsill Ewropew biss wara u jekk tgħaddi din il-kostituzzjoni.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea aktar issibha ħafifa biex tagħmel dak li tkun trid għaliex aktar ħafif li thedded jew tixtri xi Kap ta' Stat jew Gvern ta' Stat Membru fil-magħluq milli thedded jew tixtri liċ-ċittadini ta' dak l-Istat fil-miftuh.

Issa jekk nagħmlu ftit somom naraw li jekk il-Kostituzzjoni tiġi ffirmata f'Ottubru kif qiegħed jingħad, u jekk tiġi aċċettata mill-Istati Membri kollha li għandhom sentejn żmien biex jirratifikawha, dan ifisser li l-Kostituzzjoni tidħol fis-seħħ f'Ottubru 2006.

Minħabba li l-Kummissjoni ġiet maħtura din is-sena, jiġifieri fl-2004 għal ħames snin, dan ifisser li din tispiċċa fl-2009. Mela l-Kummissjoni li jmiss xorta waħda sejra tkun iffurmata wkoll minn Kummissarju minn kull Stat Membru, imma dik ta' warajha li tinħatar fl-2014 ma jkunx hemm Kummissarju minn kull Stat Membru, imma kif jingħad fis-subartiklu 6.

Fi kliem ieħor, jekk nieħdu n-numru ta' Stati Membri li hemm bħalissa, jiġifieri 25, sejjer ikun hemm biss 18-il Kummissarju li jkunu jinkludu wkoll il-President tagħha u l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li jekk il-Kostituzzjoni tgħaddi u tidħol fis-seħħ, Malta tispiċċa, bħal ma jispiċċaw Stati Membri oħra, mhux biss mingħajr Kummissarju, imma anki mingħajr jedd tal-vot fil-Kummissjoni minn żmien għal żmien.

Jista' xi ħadd li għandu l-iċken qatra demm Malti tiġri fil-vini tiegħu jaċċetta din il-Kostituzzjoni u dawn il-ħniżrijiet ta' l-Unjoni Ewropea u jaċċetta li l-membri parlamentari tagħna jivvutaw favur il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u favur dawn il-ħniżrijiet?

Dawk il-membri parlamentari kollha li jaċċettaw dawn il-ħniżrijiet mhux biss ikunu lagħaqa tal-barrani, mhux biss ikunu **QUISLINGS** li jobdu l-ordnijiet tal-barrani, imma jkunu qegħdin jiksru l-ġurament ta' lealta' lejn il-poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha li huma ħadu meta saru membri parlamentari.

Jekk jagħmlu hekk, ikun jistħoqqilhom l-akbar kundanna, tkażbir u żeblieh mill-Maltin u l-Għawdxin kollha u għandhom imorru jagħmlu bħal **ĠUDA** għaliex ma jkunux ħlief **ĠUDIET** li ttradew lill-poplu Malti, ir-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll li l-Kunsill Ewropew, u hawnhekk ftakru dak li għedna aktar qabel kemm huwa aktar ħafif li thedded jew tixtri Kap ta' Gvern jew Stat fil-magħluq milli thedded jew tixtri ċ-ċittadini kollha ta' xi Stat Membru fil-miftuh, jista' jibdel din il-figura.

Dan ifisser li l-Istati Membri l-kbar flimkien ma' l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kunsill Ewropew sejrin ikunu jistgħu jagħmlu li jridu bl-Istati Membri ż-żgħar, jew aħjar bir-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill Ewropew, biex isir dak li jkunu jridu huma.

Il-poplu Malti sejjer jibqa' mejjet għal dawn il-ħniżrijiet jew sejrin nerġgħu nqumu waħda sewwa fuq tagħna, nagħmlu li hemm bżonn, inqalftu l-barra lill-barrani u lill-mixtrija tiegħu hawn Malta, u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna?

## Tidwir bl-Istati Membri

**Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jiġu magħżula minn fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri fuq bażi ta' sistema ta' rotazzjoni ugwali bejn l-Istati Membri. Din is-sistema għandha tiġi stabbilita b'deċiżjoni Ewropea adottata b'mod unanimu mill-Kunsill Ewropew u fuq bażi tal-prinċipji li ġejjin:**

**a) L-Istati Membri għandhom jiġu trattati b'ugwaljanza stretta fir-rigward tad-determinazzjoni tas-sekwenza, u taż-żmien fil-kariga, taċ-ċittadini tagħhom bħala membri tal-Kummissjoni; b'konsegwenza, id-differenza bejn l-għadd totali ta' perijodi ta' mandati ta' ċittadini ta' kwalunkwe żewġ Stati Membri partikolari qatt ma tista' tkun ta' aktar minn wieħed;**

**b) bla hsara għall-punt (a), kull Kummissjoni suċċessiva għandha tkun komposta b'tali mod li tirrifletti b'mod sodisfaċenti l-firxa demografika u ġeografika ta' l-Istati Membri kollha.**

Irridu niftakru li l-Kunsill Ewropew jista' jibdel kif tkun magħmula l-Kummissjoni li tinħatar fl-2014, u għalhekk anki dak li jingħad f'dawn il-paragrafi jista' jinbidel fis-sens li kif issir il-Kummissjoni, biex ikollok Kummissarju jkunu jridu jinħatru diversi Kummissjonijiet qabel ikun imissek.

Barra minn hekk, dan ifisser li minħabba li jkun hemm inqas Kummissarji, iktar sejjer ikun faċli li l-Kummissjoni tgħaddi dak li tkun trid għaliex aktar faċli li jiftehemu 18-il Kummissarju milli jiftehmu 25 jew aktar jekk jiżdiedu l-Istati Membri, biex ma ngħidux li jiġu mhedda jew mixtrija dawk li ma jkunux jaqblu għaliex ikunu anqas.

Qegħdin taraw kif jinħadmu l-affarijiet fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex dejjem titmexxa 'l quddiem il-politika federalista tagħha bl-anqas tfixkil?

## L-Ebda Struzzjonijiet mill-Istati Membri

**7. Fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tkun kompletament indipendenti. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu I-28(2), il-membri tal-Kummissjoni la għandhom ifittxu u lanqas għandhom jieħdu istruzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi istituzzjoni, korp jew entita' oħra. Għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li ma tkunx kompatibbli mal-funzjonijiet tagħhom jew ma' l-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom.**

F'dan is-subartiklu iddaħħlet ir-referenza għall-Artikolu I-27(2) li narawh aktar 'il quddiem, waqt li ddaħħlu wkoll il-kliem istituzzjoni oħra, uffiċċju, u aġenzija. Iddaħħlet ukoll l-aħħar sentenza dwar kif il-Kummissarji għandhom joqgħodu lura milli jagħmlu xi ħaġa li ma tkunx taqbel ma dmirijiethom jew kif huma jagħmlu xogħolhom.

Aktar ma jmur aktar tistgħu tindunaw kemm gidbu, qarrqu bikom u għaddewkom biż-żmien dawk kollha li kienu jgħidulkom li jekk ikollna Kummissarju Malti sejjer ikun jista' jaħdem għalikom u għal Malta, għaliex jingħad ċar daqs il-kristall li l-Kummissarji "**la għandhom ifittxu u lanqas għandhom jieħdu istruzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi istituzzjoni, korp jew entita' oħra.**"

**<u>Responsabbilta' Kolleġġjali</u>**

**8. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli kolleġġjalment lejn il-Parlament Ewropew. Bi qbil ma' l-Artikolu III-340, il-Parlament Ewropew jista' jivvota fuq mozzjoni ta' ċensura tal-Kummissjoni. Jekk tali mozzjoni tkun adottata, il-membri tal-Kummissjoni għandhom jirriżenjaw kollettivament u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jirriżenja mill-funzjonijiet li jeżerċita fil-Kummissjoni.**

L-ewwel nett dan is-subartikolu qiegħed jgħid l-istess affarijiet li kien jgħid subartikolu 5 ta' qabel. Barra minn hekk, id-differenza li hemm hija li l-ewwel nett jekk il-Kummissjoni tirriżenja, issa m'għadx hemm li din tibqa' tmexxi sakemm tinħatar oħra.

Madankollu, m'hemmx dubju li għalkemm tirriżenja, żgur li jibqgħu sakemm tinħatar Kummissjoni oħra. B'hekk tkompli bħala bidillu mingħajr ma tagħmel il-funzjonijiet normali imma tieħu ħsieb l-amministrazzjoni għaliex ma jistax ikun li jintelaq kollox għal rieħu sakemm tinħatar l-oħra.

It-tieni, waqt li qabel il-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin ma kienx jissemma, issa qiegħed jingħad ċar u tond li dan għandu jirriżenja wkoll mal-Kummissjoni.

Jekk wieħed jaħseb ftit m'għandux jiskanta b'dan, għaliex la darba l-Ministru kien parti mill-Kummissjoni kien jaf x'inhu għaddej. Għaldaqstant huwa kien kompliċi magħhom f'dak li jkun sar u ma tistenniex li l-oħrajn jirriżenjaw u min kien kompliċi magħhom jibqa' jżomm postu.

**<u>Tħassib mill-Istati Membri</u>**

Tajjeb li tkunu tafu, li tant kien hemm tħassib dwar kif il-Kummissjoni taħdem u dwar kif kollox isir bil-ħabi, u tant kien hemm tħassib li Stati Membri li aktar 'il quddiem meta' kif tkun magħmula l-Kummissjoni jinbidel u ma jkollhomx Kummissarju kienu se jmorru minn taħt, li saret Dikjarazzjoni li għandha tiddaħħal bħala parti mill-Att Finali ta' din il-Kostituzzjoni.

Għaldaqstant, tajjeb li naraw x'tgħid din id-Dikjarazzjoni. Din tgħid li,

**"Dikjarazzjoni biex tiddaħħal fl-Att Finali dwar Artikolu I-25.**

**Il-Konferenza tqis li meta l-Kummissjoni ma jkunx fiha aktar ċittadini ta' l-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li tiżgura trasparenza sħiħa fir-relazzjonijiet ma' l-Istati Membri kollha. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha taħdem fil-qrib ma' l-Istati Membri**

**kollha, kemm jekk għandhom jew le ċittadini tagħhom iservi bħala Membru tal-Kummissjoni, u f'dan il-kuntest jagħti attenzjoni speċjali għall-ħtieġa li jaqsmu l-informazzjoni u jikkonsultaw ma' l-Istati Membri kollha.**

**Il-Konferenza tqis ukoll li l-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li r-realtijiet politiċi, soċjali u ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, inklużi dawk li ma jkollhomx ċittadin iservi bħala Membru tal-Kummissjoni, jingħata każ tagħhom għal kollox. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu li jiġi żgurat li l-pożizzjoni ta' dak l-Istati Membri tiġi ndirizzata minn arranġamenti organizzazzjonali xierqa.**

Irridu ngħidu li l-Artikolu I-25 imsemmi f'din id-Dikjarazzjoni issa huwa Artikolu I-26 li qegħdin naraw bħalissa minħabba li nbidlu n-numru u ddaħħlu Artikoli oħra.

Din id-dikjarazzjoni mhux biss turi t-tħassib ta' l-Istati Membri, imma jekk wieħed jeżaminaha sewwa jsib li minkejja dak kollu li tgħid, m'hemm xejn li wieħed jista' jserraħ rasu fuqu.

Dan għaliex waqt li jingħad ħafna kliem dwar kemm il-Kummissjoni għandha taħdem fil-qrib ma' dawk l-Istati Membri li ma jkollhomx Kummissarju, li għandha tagħti attenzjoni speċjali għat-trasparenza, li għandha tqis ir-realtijiet imsemmija ta' l-Istati Membri kollha, ma jingħadx xi jsir jekk ma jsirx hekk.

Għalkemm jista' jingħad li l-Kummissjoni tista' tiġi ċċensurata mill-Parlament Ewropew, kien ikun iktar xieraq li jingħad ukoll x'passi jittieħdu jekk il-Kummissjoni ma timxix ma' din id-Dikjarazzjoni.

Barra minn hekk, waqt li jingħad li l-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa u jsiru arranġamenti organizzazzjonali xierqa, ma jingħadx x'inhuma dawn il-miżuri organizzazzjonali xierqa.

Innutaw ukoll li dawn il-miżuri huma fid-deskrizzjoni tal-Kummissjoni, u għalhekk sejra tkun il-Kummissjoni stess li tgħid xi tqis li huma miżuri xierqa.

Għaldaqstant, mhux biss sejra tkun il-Kummissjoni stess li tagħmel dak li jidrilha xieraq, imma stennew li jinqalgħu kwistjonijiet dwar jekk u kemm il-Kummissjoni tkun qiegħda timxi ma' din id-Dikjarazzjoni.

B'hekk, minkejja li hemm din id-Dikjarazzjoni, il-Kummissjoni tħallielha bieb miftuh biex għalkemm hemm miktub dwar kif għandha tmexxi u timxi ma' l-Istati Membri, hija sejra tkun tista' dejjem issib minn fejn toħroġ, speċjalment bl-għajnuna tal-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU I-27
## Il-President tal-Kummissjoni Ewropea

**1. Waqt li jitqiesu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u wara konsultazzjonijiet xierqa, il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għall-President tal-Kummissjoni. Dan il-kandidat għandu jkun elett mill-Parlament Ewropew b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Jekk dan ma jiksibx il-maġġoranza meħtieġa,**

**l-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu fi żmien xahar jipproponi kandidat ġdid li għandu jiġi elett mill-Parlament Ewropew skond l-istess proċedura.**

Dan huwa subartikolu ta' proċedura ta' kif għandu jiġi propost u jinħatar il-President tal-Kummissjoni, u ma sarx tibdil fih.

**<u>Proposti għall-Ħatra tal-Kummissarji</u>**

**2. Il-Kunsill, bi ftehim komuni mal-President elett, għandu jadotta l-lista tal-persuni l-oħra li l-Kunsill jipproponi li jaħtar bħala membri tal-Kummissjoni. Huma għandhom jiġu magħzula, fuq bażi tas-suġġerimenti magħmula mill-Istati Membri, skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu I-26(4) u (6) it-tieni subparagrafu.**

Dan is-subartiklu juri l-qerq ta' l-Unjoni Ewropea li minkejja li tippriedka li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni, hija stess qiegħda tagħmel diskriminazzjoni msejsa fuq it-twemmin politiku taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

**<u>Impenn Ewropew</u>**

Biex infakkrukom, Artiklu I-26(4) jgħid li,
**4. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jintgħażlu fuq bażi tal-kompetenza ġenerali tagħhom u ta' l-impenn Ewropew tagħhom, minn fost il-persunalitajiet li dwar l-indipendenza tagħhom ma hemm l-ebda dubju.**

Innutaw kif il-Kummissarji jridu bilfors jintagħżlu minn fost dawk il-kandidati li mhux biss ikunu kompetenti f'xogħolhom, imma jridu jkunu magħżula wkoll għall-impenn Ewropew tagħhom, jew aħjar lejn l-Unjoni Ewropea skond kif jingħad fl-Artiklu I-26(4).

Dwar l-indipendenza tagħhom, din tfisser li jkunu indipendenti minn kull indħil mill-Istat Membru li jkunu ġejjin minnu, jew fi kliem ieħor, juri li jkunu lesti li ma joqgħodux għall-ebda direzzjoni mill-gvernijiet tagħhom.

Dan ifisser li qatt ma jista' jintagħżel Kummissarju li jkun hemm xi dubju fih li mgħandux l-impenn lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropea ta' l-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant, l-ewroxettiċi qatt ma għandhom ċans li xi darba jistgħu jinħatru Kummissarji.

Dan kollu jfisser li l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda ddaħħal fil-Kostituzzjoni tagħha stess li hija għandha jedd u setgħa li tagħmel diskriminazzjoni kontra politiċi li ma jaqblux magħha għaliex **ma tħallix li jintagħżlu Kummissarji li jkunu ewroxettiċi.**

Qegħdin taraw kif għall-Unjoni Ewropea ma jimpurtax li **hija stess tagħmel diskriminazzjoni politika** msejsa fuq it-twemmin politiku tal-persuna, u waqt li tippriedka mod mhux biss tagħmel mod ieħor imma trid li tingħatalha dan il-jedd u s-setgħa mill-istess Kostituzzjoni tagħha?

Haddieħor ma jistax jagħmel diskriminazzjoni, imma hija tista' tagħmel kemm trid. Sewwa jgħidu l-qwiel Maltin li "**bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti**", u li "**Il-qaħba milli jkollha tagħtik**".

Qegħdin taraw għaliex l-Unjoni Ewropea trid li minkejja li issa tinsab lesta li tiffirma l-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill ta' l-Ewropa, xorta waħda trid li tibqa' tkun il-Qorti tagħha stess, jiġifieri l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, li tiddeċiedi anki fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali?

Dan biex ma tkunx tista' tittella quddiem il-Qorti tal-Kunsill ta' l-Ewropa u tiġi akkużata li qiegħda tagħmel diskriminazzjoni politika kontra ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kontra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Bl-istess mod, ma tkunx tista' tiġi akkużata quddiem l-istess qorti li anki l-Kostituzzjoni tagħha tikser l-istess Konvenzjoni billi tawtorizza ukoll din id-diskriminazzjoni politika.

Qegħdin taraw kif anki din il-parti ta' dan l-Artiklu tkompli turi l-qerq ta' dawk li riedu jgħaddukom biż-żmien meta kienu jgħidulkom li l-Kummissarju Malti se jkun jista' jiddefendi l-interessi ta' Malta u tagħkom, għaliex il-Kummissarji jrid ikollhom ukoll, jew aħjar joffru, f'għajnejn min se jagħżilhom, garanzija sħiħa ta' indipendenza u impenn Ewropew.

Mela li jridu joffru garanzija ta' indipendenza u impenn Ewropew ma jistgħux jaħdmu la għall-Malta u lanqas għalikom, għaliex inkella la jkunu leali lejn l-Unjoni Ewropea, la jkollhom impenn Ewropew, u lanqas ikunu indipendenti.

## <u>Approvazzjoni Kolleġġjalment</u>

Dan is-subartikolu jkompli jgħid li,
**Il-President, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni għandhom ikunu kolleġġjalment suġġetti għal vot ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew. Fuq bażi ta' din l-approvazzjoni l-Kummissjoni għandha tinħatar mill-Kunsill Ewropew, li jagixxi b'maġġoranza kwalifikata.**

Kif tindunaw, dan huwa subartikolu li jgħid kif għandhom jintagħżlu u jiġu maħtura l-Kummissarji tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Huwa għalhekk ukoll li jekk ikun hemm Kummissarju wieħed jew aktar li jkunu akkużati b'xi ħaġa li minħabba fihom tkun għaddiet il-mozzjoni ta' ċensura mill-Parlament Ewropew ikollhom jirriżenjaw kollha. Kollha kienu hemm, kollha kienu jafu x'qiegħed jiġri, u għalhekk għandhom jirriżenjaw kollha.

Anki dan is-subartikolu ġie emendat biex ikun jaqbel ma' l-emendi li saru fl-Artikolu 25 fejn fis-subartikolu 8 nsibu li l-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin irid jirriżenja.

Għaldaqstant, is-subartikolu 3 li sejrin naraw issa ġie emendat billi ddaħħlet ukoll sentenza fl-aħħar parti fejn il-President tal-Kummissjoni jista' jitlob lil dan il-Ministru biex jirriżenja.

**<u>Xogħol il-President</u>**

**3. Il-President tal-Kummissjoni għandu:**

**a) jistabbilixxi l-linji gwida li fuqhom għandha taħdem il-Kummissjoni;**

**b) jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni, sabiex jiżgura li taġixxi b'mod koerenti, effikaċji u b'mod kolleġġjali;**

**ċ) jaħtar Viċi-Presidenti, barra l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, minn fost il-membri tal-Kummissjoni.**

**Membru tal-Kummissjoni għandu jirriżenja jekk jiġi mitlub jagħmel hekk mill-President. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jirriżenja, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu I-28(1), jekk il-President jitlob hekk.**

Din il-parti ta' dan l-Artikolu qiegħda turi u tgħid x'inhuwa x-xogħol u l-jeddijiet tal-President tal-Kummissjoni, kif ukoll li kull Kummissarju u l-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin għandhom jirriżenjaw jekk jiġu mitluba jagħmlu hekk mill-President tal-Kummissjoni.

Qabel, il-Kummissjoni kienet tirriżenja kollha, għaliex kienet meqjusa li ġġorr ir-risponsabbilta' kollettivament bħal ma l-Kabinett ta' gvern iġorr ir-risponsabbilta' kollettiva, imma issa jidher li din il-biċċa li tirriżenja l-Kummissjoni kollha ma tantx għoġbot lill-Kummissarji li kellhom jirriżenjaw u lil dawk li kellhom il-ħsieb li xi darba jkunu Kummissarji.

Barra minn hekk, qiegħed jintagħmel ċar li l-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin ma jistax jinħatar mill-President tal-Kummissjoni, għaliex hemm il-proċedura kif dan għandu jinħatar.

Madankollu, l-President tal-Kummissjoni xorta waħda jista' jitolbu jirriżenja u dan għandu jilqa' t-talba tiegħu u jirriżenja skond il-proċeduri li nsibu fl-Artiklu msemmi li naraw aktar 'il quddiem.

Għaldaqstant, issa se jkun possibbli li jekk ikun hemm xi Kummissarju, jew Kummissarji li ma jkunux qegħdin jagħmlu xogħolhom sewwa, u dan jgħodd ukoll għall-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin, sejrin ikunu jistgħu jintalbu jirriżenjaw mill-President tal-Kummissjoni biex forsi jiffrankaw vot ta' ċensura mill-Parlament Ewropew fejn imbagħad ikollhom jirriżenjaw kollha.

Waqt li wieħed jista' jaqbel ma dan is-subartikolu għaliex jekk ikun hemm xi ħadd li m'huwiex qiegħed jagħmel xogħolu sewwa jew ikun korrott m'għandux jeħel ħaddieħor, għandna niftakru li l-Kummissjoni suppost li taġixxi bħala korp jew kulleġġ.

Għaldaqstant, din hija kuntradizzjoni għaliex jew taġixxi f'kollox bħala korp jew kulleġġ, kif jingħad, kolleġġjalment, jew le. Imma dan juri wkoll kemm l-uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jippruvaw isalvaw ġildhom u s-salarji fenominali li għandhom minn fuq it-taxxi mħallsa miċ-ċittadini ta' l-Istati membri.

Jekk lesti li jagħmlu hekk biex iħarsu l-interessi tagħhom l-uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex m'għandniex nagħmlu hekk bħala poplu Malti u nfittxu nitilqu minn taħt il-ħakma tal-barrani ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea il-lejla qabel għada bex inħarsu l-interessi tagħna u ta' wliedna?

## ARTIKOLU I-28
## Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni

**1. Il-Kunsill Ewropew, b'maġġoranza kwalifikata, bi ftehim mal-President tal-Kummissjoni, għandu jaħtar il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jista' jtemm l-mandat tiegħu bl-istess proċedura.**

### Ministru ta' Stat Federali

Hawnhekk wieħed malajr jinduna kif l-Unjoni Ewropea trid tidħol fil-qasam ta' l-Istati Membri billi jkollha Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tagħha. Jewilla mhux Stat ikollu l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tiegħu?

Trid tkun mogħmi wara l-Unjoni Ewropea biex ma tindunax li dan huwa pass ieħor fil-mixja ta' l-Unjoni Ewropea li l-mexxejja tagħha pass wara pass wara pass dejjem qegħdin jaħdmu, fid-deher u bil-moħbi, biex iwaqqfu Stat Federali Ewropew kif kien mill-ewwel ippjanat mill-fundaturi federalisti tagħha.

### Xogħol il-Ministru

**2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jmexxi l-politika estera u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni. Hu għandu jikkontribwixxi bi proposti tiegħu għall-iżvilupp ta' dik il-politika, li hu għandu jwettaq skond il-mandat tal-Kunsill. L-istess għandu japplika għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni.**

It-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu huwa wkoll mill-aktar ċar dwar li l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jagħti sehemu biex bil-proposti tiegħu jiżviluppa u jorqom il-politika barranija komuni u jwettaqha bħala l-mandatarju tal-Kunsill tal-Ministri.

Imma l-aktar importanti huwa wkoll li jingħad li l-istess għandu japplika għall-politika tas-sigurta' u difiża komuni.

Dan ifisser li l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin sejjer ikun jista' jiżviluppa u jorqom il-politika ta' sigurta' u difiża komuni u jagħmel il-proposti tiegħu lill-Kunsill tal-Ministri.

Fi kliem ieħor, mhux biss persuna waħda qiegħda tingħata dan l-inkarigu, imma qiegħed jieħu post il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri għaliex fejn tidħol l-Unjoni Ewropea ma jkunux jistgħu jkomplu jidħlu huma, sakemm huma ma jingħatawx permess jew ma jkunx ipprovdut mod ieħor b'din l-istess Kostituzzjoni.

Kif wieħed jista' jara, il-jeddijiet ta' l-Istati Membri dejjem qegħdin jinsterqu baxx baxx mill-Unjoni Ewropea waqt li l-Istati Membri dejjem qegħdin jonqsulhom il-jeddijiet u kompetenzi tagħhom li normalment kull **Stat Indipendent, Ħieles u Sovran** għandu skond il-kriterji tal-liġi internazzjonali.

Tidher jew le l-mixja pass wara pass wara pass ta' l-Unjoni Ewropea lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bl-isem ta' Unjoni Ewropea fejn ikunu l-istituzzjonijiet tagħha li jiddeċiedu kollox u fuq kollox, waqt li l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom ikollhom jobdu bilfors?

**<u>Jippresjedi l-Kunsill ta' l-Affarijiet Barranin</u>**

**3. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jippresjedi fuq il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin.**

Provvediment ta' proċedura li wieħed kien jistennih, għaliex kif tistenna li jkollok Ministru ta' l-Affarijiet barranin imbagħad ma jkunx huwa li jippresjedi fuq il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin?

**<u>Min Jista' Jkun Ministru</u>**

**4. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jkun wieħed mill-Viċi-Presidenti tal-Kummissjoni. Hu għandu jiżgura l-koerenza ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Għandu jkun responsabbli fi ħdan il-Kummissjoni għar-responsabbiltajiet tagħha fir-relazzjonijiet esterni u għall-kordinazzjoni ta' aspetti oħra ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Fl-eżerċizzju ta' dawn ir-responsabbiltajiet fi ħdan il-Kummissjoni, u għal dawn ir-responsabbiltajiet biss, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jkun marbut bil-proċeduri tal-Kummissjoni sakemm dan ikun konsistenti mal-paragrafi 2 u 3.**

Din il-parti ta' dan l-Artikolu ma hija xejn ħlief wirja mill-aktar ċara tat-tkomplija tat-teħid tal-jeddijiet mingħand l-Istati Membri, fejn il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss qiegħed jingħad li jrid ikun wieħed mill-Viċi-Presidenti tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea imma jkollu r-risponsabbiltajiet li Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Stat normalment ikollu.

Kif għedna aktar qabel, indħil f'oqsma li normalment huma jedd, kompetenza u setgħa ta' Stat il jagħmilhom, u teħid ta' jeddijet mingħand l-Istati Membri li jkomplu jonqsulhom l-istess jeddijiet, il-kriterji u l-jedd biex huma jibqgħu jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani.**

## ARTIKOLU I-29
## Il-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropea

**1. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tinkludi l-Qorti tal-Ġustizzja, l-Qorti Ġenerali u l-qrati speċjalizzati. Għandha tiżgura li d-dritt ikun osservat fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni.**

**L-Istati Membri għandhom jipprovdu rimedji li huma suffiċjenti sabiex jiżguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni.**

## Arroganza Manja

Dan l-Artikolu wkoll ġie emendat u aħna sejrin nahdmu fuq l-aħħar versjoni kif ippubblikata bl-ilsien Malti.

Din il-parti ta' dan l-Artikolu hija waħda mill-aktar arroganti. L-ewwel nett, hawnhekk qiegħed jingħad ċar u tond li taħt il-kappa tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, jaqgħu wkoll mhux biss kull Qorti li hemm bħalissa, imma wkoll kull Qorti li tista' titwaqqaf aktar 'il quddiem u li tkun speċjalizzata f'xi qasam jew oqsma partikolari.

Din il-Qorti qiegħda tingħata l-jedd li mhux biss tkun hija li tinterpreta Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, u dan flimkien mal-jeddijiet l-oħra li diġa' għandha, imma wkoll il-jedd li tiżgura anki r-rispett fl-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, jiġifieri kif il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea tiġi applikata fl-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss sejra tkun fuq il-Qrati ta' l-Istati Membri fil-każi l-oħra, imma sejra tkun ukoll fuq il-Qrati nazzjonali ta' l-Istati Membri għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Għalkemm dan kien mistenni ma kienx biżżejjed, imma l-Istati Membri jridu jipprovdu drittijiet ta' Appell, jiġifieri jkun hemm appell fl-istess Qrati ta' l-Istati Membri, dwar affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-jeddijiet tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, jekk ikun hemm kwistjoni dwar xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, kull persuna li tkun f'xi Stat Membru tista' mhux biss tiftaħ kawża fil-Qrati ta' l-Istati Membri, imma jrid ikun hemm ukoll appell fil-Qrati nazzjonali ta' l-istess Stati Membri biex hija tkun tista' tinforza l-jeddijiet tagħha skond il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw li ma jingħadx il-jeddijiet taċ-ċittadini skond il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, imma bl-ikbar arroganza jingħad "**fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni**".

Fi kliem ieħor, m'humiex biss il-jeddijiet mogħtija mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li jridu jiġu mogħtija bilfors anki jekk dawk il-jeddijiet ma jkunux jistgħu jingħataw jew ikunu kontra l-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri jew ta' xi Stat Membru partikolari, imma dan jgħodd ukoll għal kull qasam li fih ikun hemm xi liġi ordinarja ta' l-Unjoni Ewropea.

Bil-Malti, l-Istati Membri jridu bilfors jipprovdu biex kull persuna tkun tista' tiftah kawża quddiem il-qrati nazzjonali u anki tappella fuq kull kwistjoni li jkollha x'taqsam ma kull liġi jew regolament li jkunu nħarġu mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Ma rridux ninsew ukoll li fil-Kostituzzjoni hemm ukoll il-Karta tal-Jeddijiet, hawnhekk imsejħa drittijiet fundamentali. Dan iffisser li l-Qrati ta' l-Istati Membri jridu jiddeċiedu skond dawn il-jeddijiet, kemm fil-prim'istanza u kemm fl-Appell.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea sejra tkun il-Qorti li fl-aħħar mill-aħħar tiddeċiedi u jkollha l-aħħar kelma jekk ikunux inkisru xi jeddijiet fundamentali kif provduti f'din il-Kostituzzjoni minflok il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa b'kompetizzjoni diretta mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Jidher jew ma jidhirx it-twettieq ta' dak kollu li huwa meħtieġ biex pass wara pass wara pass jitwaqqaf l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bil-jeddijiet kollha li Stat Federali kif ukoll il-Kostituzzjoni u l-liġijiet federali tiegħu jkunu fuq u aqwa mill-Kostituzzjoni u l-liġijiet kollha ta' l-Istati Membri?

Jekk minn dawn il-passi kollha u l-jeddijiet meħudha mingħand l-Istati Membri jkun hemm min ma jindunax b'dan ikun tassew mejjet.

__L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali__

**2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tkun komposta minn imħallef wieħed minn kull Stat Membru. Għandha tkun assistita minn avukati-ġenerali.**

**Il-Qorti ġenerali għandha tinkludi mill-inqas imhallef wieħed minn kull Stat Membru.**

**L-imħallfin u l-avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-imħallfin tal-Qorti Ġenerali għandhom jintgħażlu minn fost persuni li dwar l-indipendenza tagħhom ma hemm l-ebda dubju u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli III-355 sa III-356. Għandhom jinħatru bi ftehim komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri għal sitt snin. L-imħallfin u l-avukati ġenerali li l-mandat tagħhom ikun spiċċa jistgħu jinħatru mill-ġdid.**

It-tieni parti ta' dan l-Artikolu qiegħda tgħid kif għandha tkun magħmula l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll il-kriterji li dawn għandhom ikollhom. Innutaw li huma jridu jkunu magħżula minn fost persuni li joffru garanzija sħiħa ta' indipendenza, barra minn kundizzjonijiet oħra skond Artikli oħra.

L-unika indipendenza li dawn jista' jkollhom hija li jkunu indipendenti mill-Istati Membri li jaħtruhom u l-liġijiet tagħhom, għaliex kif rajna aktar qabel, huma jridu jkun biss leali lejn l-Unjoni Ewropea u l-liġijiet tagħha.

Fi kliem ieħor, iridu jinsew il-liġijiet ta' pajjiżhom u kull liġi oħra u japplikaw biss il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea. Jista' għalhekk xi ħadd qatt jemmen li dawn tassew jistgħu xi darba jkunu indipendenti jekk huma jridu jkunu leali biss lejn l-Unjoni Ewropea u l-liġijiet tagħha?

Innutaw ukoll li l-fatt li l-Unjoni Ewropea għandha l-Karta tal-Jeddijiet Fundamentali tagħha jfisser ukoll li l-Unjoni Ewropea tgħid li minħabba li dawk il-jeddijiet huma mħarsa skond il-Karta tagħha, huma jridu japplikaw dawn il-jeddijiet u mhux dawk tal-Konvenzjoni Ewropea minkejja li huma l-istess, u b'hekk jiddeċiedu skond kif ikun jaqbel għall-Unjoni Ewropea u mhux skond il-każistika, jiġifieri skond il-każi maqtuha mill-Qorti Ewropea tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Mhux biss, imma nnutaw kif waqt li jingħad li jrid ikun hemm imħallef minn kull Stat Membru fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Qorti Ġenerali, ma jingħadx l-istess dwar il-qrati speċjalizzati.

Dan ifisser li fil-qrati speċjalizzati jista' jkun hemm imħallfin minn ftit Stati Membri għaliex l-ebda Stat Membru ma huwa qiegħed jingħata l-jedd li jkollu mħallef fil-qrati speċjalizzati kif qiegħed jingħata fil-qrati l-oħra.

Dawn huma kollha affarijiet li wieħed irid joqgħod attent għalihom għaliex meta' tkun qiegħed taqra tintilef f'dak li jkun qiegħed jingħad u faċilment li ma tindunax b'dawn l-affarijiet moħbija li jkun fiha kull ħaġa li tagħmel l-Unjoni Ewropea.

**<u>Il-Kompetenza tal-Qorti</u>**

**3. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha skond id-disposizzjonijiet tal-Parti III:**

**a) tiddeċiedi dwar rikorsi miġjuba minn Stat Membru, istituzzjoni jew persuna fiżika jew ġuridika;**

**b) tagħti deċiżjonijiet preliminari, fuq talba tal-qrati ta' l-Istati Membri, fuq l-interpretazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni jew fuq il-validita' ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet;**

**ċ) tiddeċiedi f'każijiet oħra kif previst mill-Kostituzzjoni.**

It-tielet parti ta' dan l-Artikolu tgħid x'kompetenza għandha l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u ma tantx hemm fejn wieħed jitfixkel. Li rridu niġbdu l-attenzjoni huwa li meta jingħad id-dritt ta' l-Unjoni jfisser il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Dwar deċiżjonijiet preliminari, dan ifisser li jekk tqum kwistjoni quddiem xi Qorti ta' Stat Membru li minnha ma jkunx hemm appell fejn xi ħadd jallega li dak li jkun għamel għamlu għaliex tagħtih jedd l-Unjoni Ewropea jew li jkun inkisirlu xi jedd mogħti lilu mill-Unjoni Ewropea, u jekk ma jkunx hemm diġa' deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li tkun tista' tiġi applikata għall-każ tiegħu, il-Qorti ta' l-Istat Membru trid bilfors tinbgħat il-kwistjoni quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex tagħti deċiżjoni preliminari.

Fi kliem ieħor, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi jekk dak li jkun qiegħed jiġi allegat huwiex tassew, jiġifieri jekk il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea tagħtix dak il-jedd u jekk inkisirx.

Dan isir apposta biex ma jiġrix li jkun hemm Qorti fi Stat Membru li tiddeċiedi mod u Qorti fi Stat Membru ieħor tiddeċiedi mod ieħor, kif ukoll biex l-Unjoni Ewropea dejjem iżżomm il-jedd li tkun il-Qorti tagħha li tagħti interpretazzjoni lil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

## Qafas Istituzzjonali

Hawnhekk infakkru wkoll li kif jingħad fl-Artikolu I-19 li rajna aktar qabel, l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jridu jaqdu l-interessi ta' l-Unjoni. Tajjeb għalhekk li nerġgħu naraw ftit x'jgħid l-Artikolu I-19. Dan jgħid li,

**1. L-Unjoni għandha qafas istituzzjonali mmirat biex:**
**- jippromwovi l-valuri tagħha,**
**- javvanza l-għanijiet tagħha,**
**- jaqdi l-interessi tagħha, dawk taċ-ċittadini tagħha u dawk ta' l-Istati Membri,**
**- jiżgura l-konsistenza, l-effikaċja u l-kontinwita' tal-politika u l-azzjonijiet tagħha.**

Imbagħad ikompli jgħid li,
**Dan il-qafas istituzzjonali huwa magħmul minn:**
**- il-Parlament Ewropew,**
**- il-Kunsill Ewropew,**
**- il-Kunsill tal-Ministri, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kunsill"),**
**- il-Kummissjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Kummissjoni"),**
**- il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

Tista' għalhekk qatt xi darba l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u l-Imħallfin tagħha jkunu indipendenti meta huma obbligati mill-Artiklu I-19 kif wieħed jista' jara, li javvanzaw il-miri ta' l-Unjoni, jippromwovu l-valuri ta' l-Unjoni, u jaqdu l-interessi ta' l-Unjoni?

Tista' xi istituzzjoni oħra minn dawk imsemmija qatt xi darba tkun indipendenti jekk huma kollha marbuta li javvanzaw il-miri u l-valuri ta' l-Unjoni u jaqdu l-interessi ta' l-Unjoni? Kull kumment ieħor ikun żejjed.

Innutaw ukoll li skond ma jingħad fis-subinċiż (ċ) **tiddeċiedi f'każijiet oħra kif previst mill-Kostituzzjoni".**

Għaldaqstant, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista tiddeċiedi fuq kull liġi u regolament inkluż ukoll fuq il-Karta tal-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem kif fissirna aktar qabel minflok skond il-Konvenzjoni Ewropea tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

## KAPITOLU II

## L-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA U L-KORPI KONSULTATTIVI TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU I-30
### Il-Bank Ċentrali Ewropew

**1. Il-Bank Ċentrali Ewropew, flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, jikkostitwixxu s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Il-Bank Ċentrali Ewropew, flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u li jikkostitwixxu l-Ewrosistema għandhom imexxu l-politika monetarja ta' l-Unjoni.**

**L-Arroganza tal-Mexxejja**

L-ewwel ma wieħed irid jinnota huwa kif il-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewopea huwa msejjaħ il-Bank Ċentrali Ewropew u mhux ta' l-Unjoni Ewropea. Dan ikompli juri mhux biss l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea għaliex m'hijiex l-Ewropa, imma juri wkoll l-għan tagħha li ssir Stat Federali u li taħtaf taħt idejha lill-Istati kollha ta' l-Ewropa.

Minkejja li dan il-paragrafu qiegħed jgħid li s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali hija magħmula anki mill-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri li addottaw l-ewro u li dawn għandhom imexxu l-politika monetarja ta' l-Unjoni Ewropea, fil-fatt ikun il-Bank Ċentrali Ewropew li jiddeċiedi kollox, waqt li l-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri jobdu kollox u kull ma jiddeċiedi l-Bank Ċentrali Ewropew. Dan kollu jidher ċar mit-tieni parti ta' dan l-Artiklu.

**Kollox Deċiż Mill-Bank Ċentrali Ewropew**

**2. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tkun iggvernata mill-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew. L-għan prinċipali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandu jkun li tinżamm l-istabbilta' tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għal dan il-għan, għandha tagħti s-sostenn tagħha lill-politika ġenerali ekonomika fl-Unjoni biex tikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-għanijiet ta' l-Unjoni. Għandha tmexxi kompiti oħrajn tal-Bank Ċentrali skond il-Parti III u għall-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.**

Hawnhekk wieħed jara bl-aktar mod ċar dak li għedna aktar qabel, jiġifieri li huwa l-Bank Ċentrali Ewropew jew aħjar l-organi ta' deċiżjoni tiegħu li jiggvernaw is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali. Hawnhekk hija miktuba bl-iswed fuq l-abjad u ħadd ma jista' jmeriha.

Daqshekk jibqgħu Sovrani l-Istati Membri u l-Banek Ċentrali tagħhom li ma jkunux jistgħu jiddeċiedu l-politika monetarja tagħhom skond kif ikun jaqbel lilhom kif jista' jagħmel kull Stat li huwa tassew **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Hija ipokrezija mill-akbar li waqt li l-Gvern Malti kien jiġi kkritikat minħabba li bil-politika tiegħu kien iżomm il-prezzijiet stabbli, jiġifieri kemm jista' jkun jibqgħu l-istess, l-Unjoni Ewropea qiegħda tgħid li waħda mill-miri tal-Bank Ċentrali Ewropew u tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali hija li jridu jżommu l-istabbilita' tal-prezzijiet.

Dan għaliex waqt li huma jridu jagħtu s-sostenn tagħhom għall-politika ekonomika ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u jagħtu sehemhom għat-twettieq tal-miri ta' l-Unjoni Ewropea, huma ma jridux jagħmlu dan bi preġudizzju għall-istabbilita' tal-prezzijiet.

Innutaw ukoll li huma jagħtu sehemhom u s-sostenn tagħhom għall-politika ekonomika ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u għat-twettieq tal-miri tagħha u mhux ta' l-Istati Membri tagħha. L-ewwel jiġi l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u mhux l-Istati Membri.

Il-kumplament tal-paragrafu huwa dwar kif il-Bank Ċentrali Ewropew u s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali għandhom imexxu x-xogħol tagħhom.

<u>**Istituzzjoni u Personalita' Ġuridika**</u>

**3. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa istituzzjoni. Għandu personalita' ġuridika. Hu biss jista' jawtorizza l-ħruġ tal-euro. Għandu jkun indipendenti fl-eżerċizzju tal-poteri tiegħu u fl-amministrazzjoni tal-finanzi tiegħu. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jirrispettaw dik l-indipendenza.**

B'dan il-paragrafu, il-Bank Ċentrali Ewropew qiegħed jingħata personalita ġuridika, jiġifieri jkun jista' jfittex għall-jeddijiet tiegħu u jfittex lil ħaddieħor għad-danni li jista' jikkawżalu, waqt li suppost li jkun jista' jiġi mfittex għad-danni li huwa jikkawża.

Innutaw ukoll li minkejja li l-Istati Membri jkunu fis-sistema ta' l-ewro, huma ma jistgħux joħorġu l-munita ewro jekk ma jingħatawx permess mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jista' Stat jissejjaħ **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** jekk huwa ma jkunx jista' joħroġ il-munita jekk ikun jeħtieġ?

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea ħarġet il-munita tagħha, jiġifieri l-ewro, biex l-Istati Membri ma jibqgħux jużaw il-munita tagħhom, u minħabba li jibdew jużaw l-ewro, huma ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn mingħajr il-permess tal-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea.

B'hekk l-Istati Membri jkunu tilfu kull kontroll fuq il-munita għaliex il-munita tagħhom tkun spiċċat u jkollhom joqgħodu għal kull ma jordna l-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li jkunu qegħdin jużaw l-ewro.

Innutaw ukoll li l-Bank Ċentrali Ewropew huwa indipendenti fl-eżerċizzju tal-poteri tiegħu. Dan ifisser biss li jiddeċiedi x'jiddeċiedi, kulħadd irid jobdih bilfors għaliex ħadd m'għandu kontroll fuqu.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll li huwa wkoll indipendenti fl-amministrazzjoni tal-finanzi tiegħu. Fi kliem ieħor, jonfoq kemm jonfoq u jagħti kemm jagħti salarji lill-impjegati tiegħu ħadd ma jindaħallu, imma kulħadd irid iħallas għalihom.

Jista' xi ħadd jgħid li ma jarax il-mixja pass wara pass wara pass ta' l-Unjoni Ewropea biex issir Stat Federali Ewropew kif kien maħsub mill-fundaturi tagħha meta istituzzjoni tagħha tordna li trid u ħadd ma jista' jindaħlilha?

## Min mhux fl-Ewro Eżentat

**4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jadotta l-miżuri li huma meħtieġa sabiex jeżegwixxi l-kompiti tiegħu skond l-Artikoli III-185 sa III-191 u l-Artikolu III-196, u skond il-kondizzjonijiet previsti fl-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Skond dawn l-istess Artikoli, dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, u l-banek ċentrali tagħhom, għandhom iżommu l-kompetenza tagħhom fil-kamp monetarju.**

Waqt li dan il-paragrafu jgħid x'għandu jagħmel il-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea, innutaw kif Stati Membri li ma jkunux addottaw l-ewro, u minnhom hemm tlieta, jiġifieri r-Renju Unit, id-Danimarka u l-Isvezja, ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ma jgħoddx għall-Istati Membri l-ġodda, li fosthom hemm Malta, għaliex waqt li ċerti Stati Membri kienu żammew il-jedd li ma jidħlux fis-sistema ta' l-ewro, l-Istati Membri l-ġodda ġew imġielha mill-Unjoni Ewropea li jintrabtu li jidħlu bilfors fis-sistema ta' l-ewro malajr kemm jista' jkun.

Dan ifisser li dawn l-Istati Membri, li fosthom hemm Malta, malli jaddottaw il-munita ewro se jitilfu kull kontroll fuq il-munita' tagħhom, għaliex il-munita tagħhom tispiċċa darba għal dejjem, il-kontroll kollu jmur għand il-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea, u qatt aktar ma jkunu jistgħu jikkontrollaw il-politika monetarja tagħhom.

Tant l-Istati Membri li jidħlu fis-sistema ta' l-ewro jitilfu kull kontroll, li kif jgħid il-paragrafu li jmiss, huma jridu bilfors jikkonsultaw lill-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea fuq kull proġett ta' regolamentazzjoni fuq livell nazzjonali, u għalkemm il-Bank Ċentrali jingħad li jista' jagħti l-opinjoni tiegħu, l-opinjoni tiegħu tkun opinjoni li b'mod jew ieħor torbot lill-Istati membri.

## Jindaħal fil-Livell Nazzjonali

**5. Fl-oqsma tas-setgħat tieghu, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi konsultat fuq kull proġettazzjoni ta' l-Unjoni, kif ukoll fuq kull progett ta' regolamentazzjoni fuq livell nazzjonali, u jista' jagħti l-opinjoni tiegħu.**

Innutaw li l-Istati Membri jridu bilfors jikkonsultaw lill-Bank Ċentrali Ewropew minkejja li l-proġett ta' regolamentizzazzjoni jkun fuq livell nazzjonali.

Jista' jibqa' l-iċken dubju mhux biss dwar l-arroganza u l-wiċċ mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea, imma juri wkoll kemm l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom ġew ilsiera ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Tridu li nibqgħu f'dawn il-ħniżrijiet kollha li se jwasslu għar-rovina tagħna u ta' l-għażiża Malta tagħna?

Jekk le rridu nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu, jgħidu x'jgħidu l-Unjoni Ewropea u l-qaddejja mixtrija tagħha hawn Malta.

Il-paragrafu 6 qiegħed jgħid dwar kif ikunu magħmula l-organi tal-Bank Ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea u kif għandhom jiffunzjonaw.

**6. Il-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-komposizzjoni tagħhom u l-metodi tal-ħidma tagħhom huma stabbiliti fl-Artikoli III-192, III-193, III-382 u III-383, kif ukoll fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.**

Innutaw li anki f'dan il-każ, minflok għamlu l-Artikoli wara xulxin biex jagħmluha aktar faċli li wieħed jara kif huma magħmula l-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-kompożizzjoni tagħhom, jirreferuk għal Artikoli oħra ħalli taqta' qalbek toqgħod tfittex jew tinsa xi jkun intqal qabel sakemm tasal fl-Artikli msemmija.

## ARTIKOLU I-31
## Il-Qorti ta' l-Awdituri

**1. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija istituzzjoni. Għandha tiżgura l-verifika ta' kontijiet ta' l-Unjoni.**

**2. Għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-ħruġ kollu ta' l-Unjoni, u għandha ukoll tiżgura amministrazzjoni finanzjarja tajba.**

**3. Għandha tkun komposta minn ċittadin wieħed ta' kull Stat Membru. Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-membri tagħha għandhom ikunu kompletament indipendenti, fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni.**

### Istituzzjoni Oħra

Dan l-Artikolu huwa dwar il-Qorti ta' l-Awdituri, xogħolha, u kif tkun magħmula. Il-Qorti ta' l-Awdituri ta' l-Unjoni Ewropea hija l-istess bħal ma huwa l-awditur tal-Gvern, jiġifieri li kif jingħad fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu, teżamina l-kontijiet tad-dħul u ta' l-infieq ta' l-Unjoni Ewropea.

### Kontijiet Mhux Approvati

Tajjeb li tkunu tafu li l-Qorti ta' l-Awdituri ilha snin ma tapprova l-kontijiet tal-Kummissjoni, għaliex informazzjoni mitluba ma tingħatax u mijiet ta' miljuni jisparixxu kull sena mingħajr l-ebda traċċa jew ħjiel ta' fejn ikunu marru.

Tinsewx li issa anki aħna qegħdin inħallsu t-taxxi minn butna lill-Unjoni Ewropea, u mit-taxxi li nħallsu aħna hemm minnhom li se jispiċċaw fi bwiet Alla jaf min, jew kif ngħidu bil-Malti, fil-bir tas-skieken.

Innutaw li fil-qadi ta' dmirijiethom, il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri jridu jaħdmu fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni.

Kumment li rridu nagħmlu huwa dwar kif jingħad li l-Qorti tkun magħmula minn ċittadin wieħed minn kull Stat Membru. Għalfejn, kif ngħidu bil-Malti, "**fejn qlejna bajda naqlu tnejn**", u fejn hemm tant eluf ta' miljuni x'jingħata rendikont dwarhom il-Qorti ma saritx b'numru akbar ta'ċittadini minn kull Stat Membru?

Tgħid għaliex aktar ma jkun hemm min jgħasses aktar jistgħu jinkixfu skandli, sparpaljar u ħela ta' flus u anqas ikunu jistgħu jisparixxu mijiet ta' miljuni kull sena mingħajr l-ebda traċċa? Fejn qed imorru dawn il-mijiet ta' miljuni?

**ARTIKOLU I-32**
**Il-Korpi konsultattivi ta' l-Unjoni**

**1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu assistiti minn Kumitat tar-Reġjuni u minn Kumitat Ekonomiku u Soċjali, li jeżerċitaw funzjonijiet konsultattivi.**

<u>**Żewġ Kumitati Oħra**</u>

Din il-parti ta' dan l-Artikolu tkompli żżid il-piżijiet tat-taxxi u toħloq postijiet għall-magħżulin minħabba li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni jiġu mgħejuna minn Kumitat tar-Reġjuni u minn Kumitat Ekonomiku u Soċjali biex l-oħrajn ikunu jistgħu jikkonsultawhom.

Tfisser żjieda ta' taxxi għaliex kull post li jonħoloq iridu jħallsu għalih iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u li fosthom issa hemm aħna wkoll, waqt li l-imsieken kbar, minkejja s-salarji fenominali li għandhom, iridu l-għajnuna għaliex ix-xogħol huwa tqil wisq għalihom.

L-ipokrezija qiegħda illi waqt li l-Unjoni Ewropea dejjem tivvinta Kumitati, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet biex jinstabu postijiet għal tal-qalba mħallsa l-belli liri, jew aħjar ewros minn fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, fl-istess waqt hija tordna lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri biex inaqqsu l-ħaddiema tal-Gvern.

Dan juri kemm l-Unjoni Ewropea ma jinteressahiex li ħaddiema fl-Istati Membri jispiċċaw mingħajr xogħol u jkun ta' piż fuq is-servizzi soċjali ta' l-Istati Membri u ċ-ċittadini l-oħra li jkollhom iħallsu iktar taxxi biex jagħmlu tajjeb għalihom waqt li jimminaw u jipperikolaw l-istess servizzi soċjali.

Dan wieħed jista' jarah jekk iħares lejn l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea biex ma jingħatawx sussidji biex kumpaniji jibqgħu miftuħa u l-ħaddiema jibqgħu jaħdmu, imma jew jintefgħu 'il barra jew jirtiraw kmieni fuq il-pensjoni minħabba l-iskuża ta' l-Alla falz tal-politika tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan ta' l-Unjoni Ewropea.

Dawn l-affarijiet mhux biss ifissru li miljuni ta' ħaddiema qegħdin jitilfu ħobżhom u ħobż il-familja tagħhom, imma qegħdin ikunu ta' piż kbir fuq is-servizzi soċjali u speċjalment fuq il-pensjonijiet li bil-politika ħażina ta' l-Unjoni Ewropew qegħdin fil-periklu li jisfaxxaw, waqt li dak kollu li l-ħaddiema ħadmu għalih matul ħajjithom, fosthom il-jedd ta' pensjoni diċenti, jispiċċa fix-xejn.

Dak huwa li tfisser l-Unjoni Ewropea għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

<u>**Il-Kumitat tar-Reġjuni**</u>

**2. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorita' reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli lejn assemblea eletta.**

Dan il-paragrafu m'hemmx x'wieħed jgħid fuqu għaliex jgħid kif għandu jkun magħmul il-Kumitat tar-Reġjuni.

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

**3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jkun kompost minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, ta' impjegati, u ta' partijiet oħra li jirappreżentaw is-soċjetà ċivili, speċjalment fl-oqsma soċjo-ekonomiċi, ċiviċi, professjonali u kulturali.**

Dan il-paragrafu wkoll m'hemmx x'wieħed jgħid fuqu għaliex bħal ma s-subartiklu ta' qablu jgħid kif ikun magħmul il-Kumitat tar-Reġjuni, dan qiegħed jgħid kif għandu jkun magħmul il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali. Madankollu, ma jingħadx kemm irid ikun hemm rappreżentanti u kemm irid ikun hemm minn kull qasam tas-soċjeta' ċivili.

## Fl-Interess ta' l-Unjoni

**4. Il-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali m'għandhom ikunu marbuta minn ebda istruzzjonijiet obbligatorji. Għandhom ikunu kompletament indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom, fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni.**

Jekk wieħed kien jaħseb li forsi dawn il-Kumitati, minħabba li wieħed huwa kumitat tar-reġjuni u l-ieħor huwa kumitat ekonomiku u soċjali kienu se jkunu jistgħu b'xi mod ifittxu l-interessi ta' l-Istati Membri jew taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jew tal-qasam li huma jkunu qegħdin jirrappreżentaw kien sejjer żbaljat.

Dan għaliex kif kulħadd jista' jara, qiegħed jingħad bl-iktar mod ċar fil-paragrafu 4 li dawn mhux biss għandhom ikunu għal-kollox indipendenti, jiġifieri ma jieħdu l-ebda struzzjonijiet mingħand ħadd, u bħala eżempju wieħed jista' jsemmi lill-Istati Membri jew lis-setturi li jkunu jirrappreżentaw, imma jridu jaħdmu fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

Jista' jkun ċar iktar minn hekk kemm kull istituzzjoni li titwaqqaf mill-Unjoni Ewropea trid tkun mhux biss indipendenti minn kull indħil mill-Istati Membri, organi ta' l-Istati Membri, jew anki dak is-settur li tkun qiegħda tirrappreżenta, imma li trid taħdem biss fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea?

Innutaw ukoll li dawn il-Kumitati ma jridux ikunu marbuta minn istruzzjonijiet ta' bilfors. Dan isir apposta biex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tagħmel li trid u li jaqblilha, kemm dwar jekk tikkonsultahomx jew le, u kemm jekk tagħtix każ ta' dak li jgħidu jew le.

Qegħdin ngħidu dan għaliex jekk terġgħu taraw paragrafu wieħed ta' dan l-Artikolu tindunaw li waqt li jingħad li,

**Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu assistiti minn Kumitat tar-Reġjuni u minn Kumitat Ekonomiku u Soċjali, li jeżerċitaw funzjonijiet konsultattivi,**

m'hemm xejn li jorbot lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li għandhom jikkonsultawhom bilfors.

Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet imsemmija m’humiex obbligati li jikkonsultaw lil dawn il-Kumitati, waqt li l-Kumitati huma obbligati li jagħtu l-pariri mitluba minnhom jekk huma jintalbu.

Hawnhekk tidher l-arroganza ta’ l-Unjoni Ewropea li waqt li ta’ fuq jistgħu jagħmlu li jridu u m’humiex marbuta, ta’ taħthom mhux biss m’għandhomx jedd li jiġu kkonsultati, imma jekk jiġu konsultati huma obbligati li jagħtu l-għajnuna tagħhom.

Xempju klassiku ta’ Stat Federali fejn l-Istat Federali jordna u jikkonsulta fejn jidhirlu mingħajr ebda obbligu li jaċċetta l-pariri li jingħata, waqt li l-Istati Membri tiegħu u ċ-ċittadini tagħhom ikollhom jobdu u joqgħodu għal dak li jiddeċiedi l-Istat Federali.

## Ir-Regoli ta’ dawn il-Kumitati

**5. Ir-regoli dwar il-komposizzjoni ta’ dawn il-Kumitati, l-għażla tal-membri tagħhom, is-setgħat u l-funzjonijiet tagħhom huma stabbiliti fl-Artikoli III-386 sa III-392.**

**Ir-regoli previsti fil-paragrafi 2 u 3 dwar in-natura tal-komposizzjoni tagħhom għandhom jiġu riveduti f’intervalli regolari mill-Kunsill sabiex jieħdu in kunsiderazzjoni l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u demografiċi fi ħdan l-Unjoni. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej għal dan l-effett.**

Innutaw li jingħad li dawn il-Kumitati jrid jkunu magħmula kif ukoll ikollhom is-setgħat u l-funzjonijiet tagħhom skond ma jipprovdu l-Artikoli msemmija f’din il-Kostituzzjoni li narawhom aktar ‘il quddiem.

Madankollu, il-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata l-jedd li minn żmiem għal żmien fuq proposta tal-Kummissjoni jkun jista’ jibdel l-għamla jew is-sura tagħhom biex, kif jingħad, jimxu ma l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u demokrafiku ta’ l-Unjoni Ewropea. Fi kliem ieħor jingħata każ ta’ l-Istati Membri li jistgħu jidħlu aktar ‘il quddiem.

Mela waqt li issa qiegħed jintalab il-qbil tal-Parlamenti nazzjonali ta’ l-Istati Membri u f’xi wħud minnhom fejn il-politiċi u l-membri parlamentari m’humiex arroganti sejjer isir referendum il-qbil taċ-ċittadini tagħhom biex din il-Kostituzzjoni tgħaddi, dawn il-jeddijiet se jgħaddu għand il-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni.

Dan m’huwa xejn għajr iktar teħid ta’ jeddijiet u setgħat mingħand il-Parlamenti nazzjonali u ċ-ċittadini ta’ l-Istati Membri minn istituzzjonijiet ta’ l-Unjoni Ewropea fil-mixja tagħha biex pass wara pass wara pass issir Stat Federali Ewropew bl-isem ta’ l-Unjoni Ewropea kif dejjem kien ippjanat. Xejn aktar u xejn anqas.

Kieku tassew riedu li jittieħdu kunsiderazzjonijet ta’ Stati Membri ġodda kienu jagħmlu provvedimenti biex kull Stat ġdid ikollu numru ta’ membri, anki jekk dan ikun skond il-popolazzjoni tiegħu, u mhux jagħtu l-jedd u s-setgħa lill-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ministri biex ikunu jistgħu jibdlu l-kompożizzjoni tal-Kunsill.